Nru./No. 18,505
Prezz/Price
€5.22

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 13 ta' Novembru, 2009
Friday, 13th November, 2009

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 13,835 - 13,844
Government Notices ..... *13,835 - 13,844*

Avviż tal-Pulizija 13,845
Police Notice *13,845*

Avviż lil-Baħħara 13,845
Notice to Mariners *13,845*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 13,546 - 13,854
Employment Opportunities ..... *13,546 - 13,854*

Avviżi tal-Gvern ..... 13,855 - 13,860
Notices ..... *13,855 - 13,860*

Offerti ..... 13,860 - 13,912
Tenders ..... *13,860 - 13,912*

Avviżi tal-Qorti ..... 13,913 - 13,942
Court Notices ..... *13,913 - 13,942*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 916

NOMINA TA' AĠENT PRIM IMĦALLEF

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 98 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, innomina lill-Onor. Imħallef Joseph Filletti, biex jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga ta' Aġent Prim Imħallef bejn il-15 u t-18 ta' Novembru, 2009, matul l-assenza tas-Sinjurija Tiegħu l-Onorevoli Prim Imħallef Vincent De Gaetano.

Il-11 ta' Novembru, 2009
MJ/207/89/VII

GOVERNMENT NOTICES

No. 916

APPOINTMENT OF ACTING CHIEF JUSTICE

IT is notified for general information that in virtue of the powers conferred by section 98 of the Constitution of Malta, the President of Malta, on the advice of the Prime Minister, designated the Hon. Mr Justice Joseph Filletti, to perform the functions of Acting Chief Justice between the 15th and 18th November, 2009, during the absence of His Honour the Chief Justice Vincent De Gaetano.

11th November, 2009

Nru. 917

ATT DWAR KUMPANNIJI KONTROLLATI (PROĊEDURA TA' STRALĊ) (KAP. 383)

Nomina ta' Segretarju tal-Bord tal-Appell

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 7 tal-Att dwar Kumpanniji Kontrollati (Proċedura ta' Stralċ), il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment ħatar lis-Sur Emmanuel Scriha, Segretarju tal-Bord tal-Appell sa Novembru 2012.

L-4 ta' Novembru, 2009

No. 917

CONTROLLED COMPANIES (PROCEDURE FOR LIQUIDATION) ACT (CAP. 383)

Appointment of Secretary to the Board of Appeals

IN exercise of the powers conferred by Section 7 of the Controlled Companies (Procedure for Liquidation) Act, the Minister of Finance, the Economy and Investment has appointed Mr Emmanuel Scriha, Secretary of the Appeals Board up to November 2012.

4th November 2009

Nru. 918

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI U AFFARIJIET RURALI

Bord li Jirregola l-Inbid

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, skont l-Artikolu 16 tal-Att dwar l-Inbid (Kap. 436), is-Sur Charles Camilleri nħatar Viċi *Chairman* tal-Bord li Jirregola l-Inbid minflok is-Sur Randall Caruana, is-Sur Gilbert Camilleri nħatar Membru u Ms Charmaine Galea nħatret Segretarju tal-Bord minflok Ms Natasha Farrugia. Dawn il-ħatriet kollha huma b'seħħ mill-14 ta' Ottubru, 2009.

It-13 ta' Novembru, 2009

No. 918

MINISTRY FOR RESOURCES AND RURAL AFFAIRS

Wine Regulation Board

IT is hereby notified for general information that in terms of Article 16 of the Wine Act (Cap. 436), Mr Charles Camilleri has been appointed Deputy Chairman of the Wine Regulation Board replacing Mr Randall Caruana, Mr Gilbert Camilleri has been appointed Member and Ms Charmaine Galea has been appointed Secretary to the Board replacing Ms Natasha Farrugia. All these appointments are with effect from 14th October 2009.

13th November, 2009

Nru. 919

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR GVERN LOKALI

IS-SEGRETARJU Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru (Informazzjoni, Turiżmu u Żvilupp Sostenibbli) approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Silvio Frendo	Aġent Direttur *Acting Director*	Gvern Lokali *Local Government*	16 - 17.11.2009

It-13 ta' Novembru, 2009

No. 919

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR LOCAL GOVERNMENT

THE Permanent Secretary in the Office of the Prime Minister (Information, Tourism and Sustainable Development) has approved the following acting appointment:–

13th November, 2009

Nru. 920

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (SIGURTÀ SOĊJALI)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Politika Soċjali approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Mark Mousù	Direttur Ġenerali *Director General*	Sigurtà Soċjali *Social Security*	17.11 - 20.11.2009

It-13 ta' Novembru, 2009

No. 920

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (SOCIAL SECURITY)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Social Policy has approved the following acting appointment:–

13th November, 2009

Nru. 921

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (DWANA)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Philip Schembri	Direttur Ġenerali *Director General*	Dwana *Customs*	02-04.12.2009

It-13 ta' Novembru, 2009

No. 921

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (CUSTOMS)

THE Permanent Secretary in the Ministry of Finance, the Economy and Investment has approved the following acting appointment:–

13th November, 2009

Nru. 922

AKKWIST TA' ART

Emenda

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 904 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 18,503 tal-10 ta' Novembru, 2009,ngħarrfu għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-pjanta kellha tkun P.D. 2009_422.

It-13 ta' Novembru, 2009

No. 922

ACQUISITION OF LAND

Amendment

WITH reference to Governmnet Notice No. 904 published in the Government Gazette No. 18,503 dated 10th November, 2009, it is notified for general information that the plan should have read P.D. 2009_422.

13th November, 2009

Nru. 923

ATT DWAR ATTI NUTARILI (PROVVEDIMENTI TEMPORANJI) (KAP. 408)

Ħatra ta' Kummissarju Speċjali għall-Atti Notarili

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 3 tal-Att dwar Atti Nutarili (Provvedimenti Temporanji), il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment bħala l-Ministru responsabbli għall-Arkivji Nutarili, reġa' ħatar lil Dott. Joseph Sapiano B.A., LL.D., bħala Kummissarju Speċjali għall-Atti Nutarili għal żmien tmintax-il xahar b'seħħ mit-12 ta' Novembru, 2009.

It-13 ta' Novembru, 2009

No. 923

NOTARIAL ACTS (TEMPORARY PROVISIONS) ACT (CAP. 408)

Appointment of a Special Commissioner for Notarial Acts

IN exercise of the powers vested in him by Section 3 of the Notarial Acts (Temporary Provisions) Act, the Minister for Finance, the Economy and Investment, as the Minister responsible for the Notarial Archives, re-appointed Dr Joseph Sapiano, B.A., LL.D., as a Special Commissioner for Notarial Acts for the period of eighteen months with effect from the 12th November, 2009.

13th November, 2009

Nru. 924

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Dorianne Arapa, LL.D., bħala Nutar Delegat/ Konservatur tal-Atti tan-Nutar Dott. Rosalyn Aquilina u dan sakemm din tkun nieqsa minn dawn il-Gżejjer mit-2 ta' Novembru, 2009 sad-9 ta' Novembru, 2009.

Illum, 10 ta' Novembru, 2009.

MARISA BORG
Għar-Reġistratur ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 924

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Dorianne Arapa, LL.D., to be Notary Delegate/Keeper for Notary Dr Rosalyn Aquilina, during her absence from these Islands from the 2nd November, 2009 till the 9th November, 2009.

This day, 10th of November, 2009.

MARISA BORG
For the Registrar, Courts of Revision of Notarial Acts

Nru. 925

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Joseph Henri Saydon bħala Nutar Delegat/Konservatur tal-Atti tan-Nutar Maria Christina Saydon, sakemm din tkun nieqsa minn dawn il-Gżejjer mit-22 ta' Ottubru, 2009 sad-29 ta' Ottubru, 2009.

Illum, 3 ta' Novembru, 2009.

PAUL X. SAMMUT, B.PSYCH, PGDPS, HON. DIP. LITT.

Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali Ċivili (Malta)

No. 925

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Joseph Henri Saydon to be Notary Delegate/Keeper of the Acts for Notary Maria Christina Saydon, during the latter's absence from these Islands from the 22nd October, 2009 till the 29th October, 2009.

This day, 3rd of November, 2009.

PAUL X. SAMMUT, B. PSYCH, PGDPS, HON. DIP. LITT.

For the Registrar Civil Courts and Civil Tribunals (Malta)

Nru. 926

ATT DWAR IL-*CONDOMINIA* (Kap. 398)

B'DIN qed ngħarraf li jiena rċivejt applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' u/jew emendi tar-regolamenti li jirregolaw l-imsemmija *condominia:-*

Nru. tal-Condominium *Condominium Number*	Indirizz tal-Condominium *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
3/09	Nadur B Triq it-Torri ta' Kenuna Nadur, Għawdex	Reġistrazzjoni tal-ħatra tal-Amministratur *Registration of appointment of Administrator*	21/10/2009

Dott. Marlin Vella, LL.D.
għar-Reġistratur tal-Artijiet

It-13 ta' Novembru, 2009

No. 926

CONDOMINIUM ACT (Cap. 398)

NOTICE is hereby given that I have received an application for the registration of and/or amendment to rules regulating the following condominia:-

Nru. tal-Condominium *Condominium Number*	Indirizz tal-Condominium *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
3/09	Nadur B Triq it-Torri ta' Kenuna Nadur, Għawdex	Reġistrazzjoni tal-ħatra tal-Amministratur *Registration of appointment of Administrator*	21/10/2009

Dr Marlin Vella, LL.D.
f/Land Registrar

13th November, 2009

Nru. 927

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali Limitat

SKONT ir-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali Nru. 114 tal-2007) rigward l-applikazzjoni msemmija hawn taħt, u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent. Id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali limitat (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni ħadet inkonsiderazzjoni b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldqastant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali limitat mhux se żżid informazzjoni ġdida u l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi din l-applikazzjoni. Mill-informazzjoni li ġiet ippreżentata d-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u l-i*screening* li sar skont Skeda IB tal-istess Regolamenti, mhux probabbli li l-proposta jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Applikazzjoni Nru. PA 04167/07
Post: Triq il-Pitkali, Attard
Proposta: Bini ta' *warehouse* ta' żewġ sulari u *cold storage* għall-frott u ħaxix

L-effetti potenzjali fuq l-ambjent flimkien ma' numru ta' miżuri biex jittaffa l-impatt ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) sottomess lill-Awtorità fit-8 ta' Ottubru 2007 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Studju dwar l-Impatt Ambjentali limitat sottomessa fl-20 ta' Awwissu 2008.

No. 927

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Exemption of Environmental Planning Statement

IN conformity with Regulation 3 (8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice No. 114 of 2007) in respect of the application mentioned hereunder, and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Reference Number: PA 04167/01
Location: Triq il-Pitkali, Attard
Proposal: Erection of two storey warehouse and cold storage for fruit and vegetables.

The following potential environmental concerns were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 8th October, 2007 and the justification for proposal from carrying out a limited Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 20th August, 2008.

Impatti potenzjali ***Potential Impact***	**Rimarki fuq miżuri biex jitaffa l-impatt, eċċ.** ***Remarks on mitigation measures, etc.***
Trabijiet u kwalità tal-arja	L-ebda ammonti sinifikanti ta' trabijiet se jkunu ġġenerati mit-tqattiegħ tal-blat waqt il-faži ta' kostruzzjoni; però se jiġu mwaħħla *metal supports* mal-ħitan tal-madwar b'għoli ta' 4m fejn se jkun applikat tul ta' materjal magħruf bħala *"fine-mesh windbreaker"* li jżomm it-trabijiet milli jitferrxu. Apparti dan, mhux se tiġi użata l-ġebla tal-franka biex jittaffew l-impatti mit-trabijiet.
Dust and Air quality	*No significant amounts of dust will be generated by rock-cutting operations during the construction phase; however metal supports will be fixed to the surrounding wall to a further height of 4m where a length of fine-mesh windbreaker fabric will be hung to trap dust particles. Furthermore, no limestone will be used in the construction to minimise dust impacts.*
Ħsejjes u vibrazzjonijiet	L-impatt mill-ħsejjes mhux se jkun sinifikanti; minkejja dan il-vibrazzjonijiet tal-art jistgħu jkunu ta' impatt. L-użu tal-makkinarju apposta bħat-*trenchers* u *rotary cutters* għandu jkun

	utilizzat biex inaqqas l-ammont ta' ħsejjes u vibrazzjonijiet. Spezzjonijiet tal-makkinarju waqt l-iskavar għandhom isiru kull ħmistax, u l-inġenji kollha għandhom ikunu iċċertifikati għall-kundizzjoni tagħhom.
Noise and Vibration	*Noise impacts are not likely to be significant; however ground vibration may prove to be a nuisance. The use of appropriate machinery such as trenchers and rotary cutters will be used for rock-cutting to reduce the amount of noise and vibrations. Inspections of the machinery during excavation will be carried out fortnightly and certified to ensure that the engines and the equipment are in good condition.*
Skart	Skart iġġenerat waqt il-fażi tal-kostruzzjoni, għall-eċċezzjoni tal-azzar, għandu jingabar fi *skips* u meħud perjodikament f'*dumping sites* approvati. L-azzar għandu jkun irriċiklat ukoll.
Waste generation	*Waste generated during construction, with the exception of steel, would be collected in skips and periodically dumped at approved dumping sites. Steel would be recycled accordingly.*
Impatt viżwali	Il-bini m'għandux ikun ogħla minn żewġ sulari u l-*landscaping* għandu jtaffi l-impatt viżwali grazzi għall-*landscaping belt*.
Visual impact	*Buildings shall not be more than two storeys high and landscaping through a landscaping belt will mitigate visual intrusion.*

Minkejja dan imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni addizzjonali kif jista' jkun meħtieġ biex tiddeċiedi l-applikazzjoni.

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

It-13 ta' Novembru, 2009

13th November, 2009

Nru. 928

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

No. 928

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:–

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
13. 11. 09	€24.057	€0.400

It-13 ta' Novembru, 2009

13th November, 2009

Nru. 929



ISMIJIET TA' TOROQ F'MALTA


BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 22 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern ordna li t-toroq speċifikati fl-ewwel kolonna ta' din l-iskeda għandhom jiġu msemmija mill-ġdid kif speċifikat fit-tieni kolonna jew kif indikat fuq il-mappa riprodotta tal-istess skeda msemmija.

No. 929

NAMING OF STREETS IN MALTA

IN exercise of the powers conferred by Section 22 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Minister for Justice and Home Affairs has directed that the streets specified in the first column of the subjoined schedule be renamed as specified in the second column or as indicated on the reproduced map of the schedule.

Ħ'ATTARD It-trejqa minn k/m Triq Ħaż-Żebbuġ li tiżbokka fl-għelieqi mmarkata bin-Nru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma: TREJQA WIED IS-SEWDA	
IL-FURJANA It-triq immarkata bin-Nru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma: TRIQ FRANCESCO BUONAMICI ARKITETT SEKLU XVII It-triq immarkata bin-Nru 2 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma: TRIQ ANTONIO MAURIZIO VALPERGA INĠINIER MILITARI SEKLU XVII	




IL-KALKARA

Sqaq Marina Nru 3 immarkat bin-Nru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta jissemma	SQAQ L-IXPRUNARA
It-triq immarkata bin-Nru 2 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma	TRIQ IX-XEWKIJA
Parti mix-Xatt immarkata bin-Nru 3 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma	TRIQ IL-FREJGATINA
Parti mix-Xatt immarkata bin-Nru 4 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma	TRIQ IL-LUZZU
It-triq immarkata bin-Nru 5 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma	TRIQ IL-ĠENISTA
Parti mix-Xatt immarkata bin-Nru 6 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma	TRIQ IL-KAJJIK
Parti minn Triq Santa Liberata mmarkata bin-Nru 7 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma	TRIQ IŻ-ŻEBBUĠ

IL-KALKARA

Triq San Ġużepp immarkata bin-Nru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma:


TARAĠ
SAN ĠUŻEPP



MARSASKALA

Triq ġdida fi Triq ir-Rummien immarkata bin-Nru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma:

TRIQ
IN-NASPLI




L-IMDINA

Triq ġdida mmarkata bin-Nru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma:

TRIQ
MARIO GALEA
TESTAFERRATA
1929 - 2008

Il-foss ħdejn il-Mina tal-Griegi mmarkat bin-Nru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta jissemma:


FOSS LORENZO CALLEJA
ATTIVIST ĊIVIKU
1910 - 1997



IS-SIĠĠIEWI

Triq ġdida fi Triq Blat il-Qamar immarkata bin-Nru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma:


TRIQ
PAWLU AQUILINA
POETA
1929 - 2009



ĦAL TARXIEN

Sqaq Brittaniku Nru 3 immarkat bin-Nru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta jissemma:

TRIQ
IT-TABIB JIMMY FARRUGIA
STUDJUŻ TAL-FIDDA MALTIJA
1922 - 2006



IN-NAXXAR

Korrezzjoni

Triq il-Qobra ta' Hammat ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru 733 tat-22 ta' Settembru, 2009 għandha tinqara ……..…..… TRIQ L-OQBRA TA' ĦAMMAT

PEMBROKE

Bdil fl-isem

It-trejqa li fil-preżent iġġib l-isem ta' Trejqet il-Beatu Dun Ġorġ Preca ssir …… TREJQET SAN ĠORĠ PRECA

It-13 ta' Novembru, 2009 13th November, 2009

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 122

Bis-saħħa tal-artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-data u l-ħinijiet indikati.

Ħal Għaxaq

Nhar il-Ħadd, id-29 ta' Novembru 2009 md-9.00 a.m. sal-11.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: Santa Marija, San Filippu, tal-Ġewwinija, Dawret Ħal Għaxaq (*side street*), Vjal il-Labour u Gebellin.

Huwa pprojbit l-ipparkjar fit-toroq imsemmija hawn fuq u vetturi misjuba pparkjati hemm jiġu rmunkati.

It-13 ta' Novembru, 2009

POLICE NOTICE

No. 122

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the date and times indicated.

Għaxaq

On Sunday, 29th November 2009 from 9.00 a.m. till 11.00 a.m. through the following streets: Santa Marija, San Filippu, tal-Ġewwinija, Dawret Ħal Għaxaq (side street), Vjal il-Labour and Gebellin.

The parking of vehicles along the above mentioned streets is also prohibited and vehicles found found parked there will be towed.

13th November, 2009

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 83 tal-2009

Ħidmiet minn Għaddasa fid-Deep Water Quay, fil-Port il-Kbir

L-Awtorità Marittima ta' Malta tgħarraf lill-baħħara li b'seħħ immedjat u sal-aħħar ta' Diċembru 2009, se jsiru operazzjonijiet minn għaddasa matul id-*Deep Water Quay*, fil-Port il-Kbir.

Dan ix-xogħol se jsir minn għaddasa mgħejjuna minn *work boats* u *dinghies*. L-għaddasa se jkollhom l-*International Code of Signals Flag "A"*.

Sidien u operaturi ta' inġenji tal-baħar huma avżati biex ma jersqux u jbaħħru qrib *Deep Water Quay* sakemm ma jkunux awtorizzati mill-*Valletta Port Control*. Għandhom ibaħħru b'attenzjoni u bil-mod meta jkunu qrib l-inħawi msemmija hawn fuq u għandhom jobdu l-ordnijiet li jingħataw mill-*Valletta Port Control* (VTS) fuq VHF Channel 12.

Chart affettwata: BA 177

It-13 ta' Novembru, 2009

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 83 of 2009

Diving Operations at Deep Water Quay, Grand Harbour

The Malta Maritime Authority notifies mariners that with immediate effect and until the end of December 2009, diving operations will be carried out along Deep Water Quay in Grand Harbour.

Divers will carry out this work with the assistance of small work boats or dinghies. The divers will be displaying the International Code of Signals Flag "A".

Masters and operators of sea craft are advised not to approach or navigate in the vicinity of Deep Water Quay unless authorised by Valletta Port Control. They are to navigate with caution and slow speed when in the vicinity of the above indicated area and comply with instructions given by Valletta Port Control (VTS) on VHF Channel 12.

Chart affected: BA 177

13th November, 2009

DIRETTORAT GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI

Ingaġġ ta' *Supply Learning Support Assistants* (*Supply LSAs*) fid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi (DSE)

Id-Direttur Ġenerali (DSE) tgħarraf li d-Direttorat għal Servizzi Edukattivi għandu l-ħsieb li jħejji lista ta' riserva ta' *Supply LSAs* biex jgħinu lil studenti bi bżonnijiet edukattivi individwali u qed jilqa' applikazzjonijiet għal dan il-għan.

2. Dan l-ingaġġ huwa ta' natura għal kollox temporanju u hu rregolat minn *Memorandum of Understanding* bejn il-Gvern Malti u l-*Malta Union of Teachers* iffirmat fit-26 ta' Mejju 2009.

3. *Supply LSAs* jitħallsu bir-rata tal-Minimu ta' Skala 15 (€41.86 fi 2009) kull ġurnata tax-xogħol. Huma wkoll intitolati għall-*bonus* annwali u l-*weekly income supplement,* fuq bażi *pro-rata,* skont l-għadd tas-sigħat maħduma.

4. L-applikanti magħżula jistgħu jiġu assenjati biex iservu fi kwalunkwe Kulleġġ, skola, jew f'xi istituzzjoni edukattiva fejn id-DSE qed tagħti servizz edukattiv lil studenti bi bżonnijiet edukattivi individwali, f'Malta jew f'Għawdex. *Supply LSAs* jistgħu jiġu ttrasferiti minn skola għall-oħra, jew f'xi istituzzjoni edukattiva fejn id-DSE qed jagħti servizz lil studenti bi bżonnijiet edukattivi individwali.

5. *Supply LSAs* huma obbligati li jsegwu korsijiet ta' żvilupp professjonali, programmi ta' taħriġ *in-service* u/jew kors ta' induzzjoni, skont ir-rwol u l-funzjonijiet tagħhom kif indikat mill-Kap ta' Skola, Prinċipal ta' Kulleġġ jew mid-DSE.

6. *Supply LSAs* li huma ingaġġati jistgħu jiġu assenjati temporanjament u jiġu trasferiti skont il-ħtiġiet tas-servizz.

7. *Supply LSAs* għandhom jadottaw u jimplimentaw il-pjan ta' żvilupp tal-iskola fejn qed jagħtu servizz.

8. *Supply LSAs* huma obbligati jaħdmu skont il-bżonnijiet tal-istudenti bi bżonnijiet edukattivi individwali li jkunu *statemented*. *Supply LSAs* jistgħu jintalbu jagħtu servizz f'aktar minn skola jew ċentru wieħed.

9. Id-doveri u r-responsabbiltajiet tas-*Supply LSAs* jinkludu:

a) Għajnuna fit-tagħlim:

(i) Jgħinu u jaħdmu id f'id mal-għalliema tal-klassi u

DIRECTORATE FOR EDUCATIONAL SERVICES

Engagement of Supply Learning Support Assistants (Supply LSAs) in the Directorate for Educational Services (DES)

The Director General (DES) notifies that the Directorate for Educational Services is in the process of compiling a reserve list of prospective Supply LSAs to support students with individual educational needs and invites applications for this purpose.

2. This engagement is of an entirely temporary nature and is governed by the Memorandum of Understanding between the Government of Malta and the Malta Union of Teachers signed on the 26th of May 2009.

3. Supply LSAs will be paid at the rate of the Minimum of Scale 15 (€41.86 in 2009) per working day. They will also be entitled to the annual bonus and the weekly income supplement both on pro-rata basis according to the number of hours worked.

4. Selected applicants may be assigned to serve in any College, school or educational institution where the DES is providing educational services to students with individual educational needs, in Malta and Gozo. A Supply LSA may be transferred from one school to another or to an educational institution where the DES is providing educational services to students with individual educational needs.

5. Supply LSAs are required to follow professional development courses, in-service training programmes and/or an induction course as appropriate to their role and functions, as indicated by the Head of School, College Principal or the DES.

6. Supply LSAs who are engaged may be assigned temporarily and transferred according to the exigencies of the service.

7. Supply LSAs shall adopt and work towards the implementation of the school development plan of the particular school they are giving service in.

8. Supply LSAs are required to work according to the individual educational needs of students with a statement. A Supply LSA may be required to provide service in more than one school/centre.

9. The duties and responsibilities of a Supply LSAs shall include the following:

a) Learning Support:

(i) Supporting and collaborating with the class teacher

ma' kollegi oħra. Taħt il-gwida tal-għalliema tal-klassi, jassistu fl-edukazzjoni tal-istudenti kollha tal-klassi u b'mod partikulari, ta' studenti bi bżonnijiet edukattivi individwali biex jiġu pprovduti l-ħtiġiet kurrikulari ta' studenti individwali;

(ii) Jipparteċipaw bi sħiħ fis-sessjonijiet tal-*Making Action Plans* (MAPs);

(iii) Flimkien mal-għalliema tal-klassi, jiżviluppaw u jwettqu il-programm individwali edukattiv (*IEPs*) billi jadattaw il-pjanijiet tal-lezzjoni u r-riżorsi;

(iv) Jattendu laqgħat tal-*IEP* u tal-*Individual Transition Plan*;

(v) Jirrevedu *IEPs*, inkluż li jżommu rekord ta' u jirrapportaw dwar il-progress ta' programmi simili fuq bażi regolari;

(vi) Jagħtu appoġġ lill-għalliema tal-klassi biex jiġi ppreparat u miktub id-dokument tal-*IEP* għal kull student fil-klassi li għandu *statement*;

(vii) Jgħinu fit-tħejjija ta' materjal edukattiv u jieħdu sehem attiv fl-oqsma kollha tal-proċess edukattiv fil-klassi taħt id-direzzjoni tal-għalliema fil-klassi;

(viii) Id f'id mal-għalliema tal-klassi, jieħdu sehem fl-osservazzjoni, l-assessjar u d-dokumentazzjoni tal-ħidma u tal-imġiba tal-istudenti inklużi;

(ix) Jipparteċipaw fi programmi rispettivi li jiffaċilitaw il-mixja ta' studenti individwali minn livell edukattiv għal ieħor, minn skola għal oħra, u mill-iskola għall-post tax-xogħol billi jagħtu l-informazzjoni u dokumenti relevanti lill-kollegi konċernati u indikati ħalli ssir transizzjoni bla skossi għall-istudent;

(x) Jippromwovu komunità inklussiva ta' studenti, f'kollaborazzjoni ma' Koordinaturi tal-Edukazzjoni Inklussiva (*INCOs*), speċjalisti, *resource workers*, għalliema, ġenituri, studenti u msieħba soċjali oħra, fejn l-istudenti kollha jgawdu valur u rispett. Dan jinkludi xogħol kollaborattiv fl-iskola u ma' aġenziji oħra, bħal *Child Development Assessment Unit (CDAU)*, Ċentri ta' Riżorsi, *NGOs* u ambjenti terapewtiċi u edukattivi oħra;

(xi) Jipparteċipaw f'sessjonijiet ta' *hydrotherapy*, *multi-sensory*, *sensory integration* u oħrajn fl-iskejjel, Ċentri ta' Riżorsi jew ċentri oħra fejn dawn is-servizzi jingħataw, biex jiġi assigurat l-aċċess għad-drittijiet edukattivi u personali tal-istudenti;

(xii) Jippromwovu f'kull ħin l-għanijiet, l-*ethos* u l-

and other colleagues. Under the guidance of the class teacher, assisting in the education of all pupils in class, in particular pupils with special educational needs so that their individual curricular entitlement is ensured and their learning needs are catered for;

(ii) Participating fully in Making Action Plans sessions (MAPs);

(iii) Together with the class teacher, developing and implementing an Individual Educational Programme (IEP) by adapting the lesson plans and resources;

(iv) Attending IEP and Individual Transition Plan (ITP) meetings;

(v) Reviewing IEPs, including recording and reporting progress of such IEP implementation on a regular basis;

(vi) Supporting the class teacher to prepare and write the IEP document of every student with a statement in class;

(vii) Assisting in the preparation of educational materials and playing an active part in all the components of the instructional and educational process in class under the direction of the class teacher;

(viii) In collaboration with the class teacher, participating in the observation, assessment and documentation process of the performance and behaviour of included learners;

(ix) Participating in the respective individual transition programmes to assist students as they move from one educational level to another, from school to school, and from school to work, handing over to other involved colleagues, all relevant information and documents so as to ensure a smooth transition for the student;

(x) Promoting an inclusive community of learners, in collaboration with Inclusive Education Coordinators (INCOs), specialists, resource workers, teachers, parents, students and other stakeholders, where all students are valued and respected. This includes collaborative work in school and with other agencies, such as the Child Development Assessment Unit (CDAU), Resource Centres, NGO's and other educational and therapeutic environments;

(xi) Participating in hydrotherapy, multi-sensory, sensory integration and other sessions, in schools, Resource Centres or other centres where such services are available, so as to ensure access to educational and personal entitlements of students;

(xii) Promoting at all times the aims, ethos and policies

policies tal-iskola, il-Kulleġġ jew iċ-Ċentru ta' Riżorsi fejn ikunu qed jaħdmu u jagħtu kontribut attiv bħala membri tal-istaff;

(xiii) Jassistu fil-preparazzjoni, fit-tixrid u fl-użu tar-riżorsi tat-tagħlim u jiġi assigurat li dawn jinżammu dejjem aġġornati fil-klassi, fl-iskola, u fiċ-Ċentri ta' Riżorsi;

(xiv) Jagħtu appoġġ lill-istudent/i waqt attivitajiet barra mill-iskola li jinkludu esperjenzi fil-komunità, fuq il-post tax-xogħol u f'istituzzjonijiet ta' edukazzjoni avvanzata u ogħla;

(xv) Jinkorraġġixxu parteċipazzjoni fi proġetti tal-UE u proġetti oħra skont il-pjan ta' żvilupp tal-iskola u kif miftiehem mat-Tim tat-Tmexxija tal-iskola.

b) Għajnuna Personali:

Jagħtu għajnuna lil studenti bi bżonnijiet edukattivi individwali fil-kura u ndafa personali. Din l-għajnuna tinkludi:

(i) Il-qadi ta' bżonnijiet personali – tindif u ħasil li jinkludi d-dmir li jwasslu l-istudenti sat-*toilet;* li jgħinu lill-istudent jinża' u jilbes; li jnaddfu, jaħslu u jagħtu *shower* u li jbiddlu s-*sanitary towels* u l-*incontinence pads* (ħrieqi);

(ii) Jieħdu ħsieb il-ħtiġiet li għandhom x'jaqsmu maċ-ċaqliq tal-istudenti, fejn u l-mod kif ipoġġu bil-qiegħda, inkluż id-dmir li jerfgħu l-istudenti u jmexxuhom fil-*wheelchair* kif ikun meħtieġ, skont ir-regolamenti tal-Att dwar is-Saħħa u s-Sigurtà u skont il-linji gwida internazzjonali. Dawn il-linji gwida huma:

Irfigħ sa 27 kilogramm isir minn *Supply LSA* wieħed/waħda; irfigħ bejn 28 u 54 kilogramm isir minn żewġ persuni; 'l fuq minn 54 kilogramm għandu jsir premezz ta' *lift* mekkaniku;

Imbuttar ta' *wheelchair* sa 45 kilogramm isir darba kultant; sa 28 kilogramm isir ta' spiss; u sa 9 kilogrammi jsir skont il-ħtiega;

(iii) Jiżguraw li studenti individwali f'kull ħin jakkwistaw l-ogħla benefiċċju edukattiv u jkollhom l-aħjar sigurtà billi jagħtuhom għajnuna waqt l-edukazzjoni fiżika, il-logħob, il-ħarġiet edukattivi u s-sessjonijiet ta' terapija, kif ukoll billi jagħtuhom jieklu b'mod normali fil-*break* ta' filgħodu, fil-*break* ta' nofsinhar u f'ħinijiet oħra skont il-ħtieġa;

ċ) Dmirijiet waqt it-Trasport:

Mingħajr preġudizzju għall-obbligazzjonijiet tas-sid u x-xufier tal-vettura konċernata rigward is-sigurtà tal-passiġġieri

of the school, College or Resource Centre deployed in, and actively working as a member of the staff team;

(xiii) Assisting in the preparation, dissemination and use of teaching resources ensuring their upkeep in class, school and Resource Centres;

(xiv) Supporting student/s during activities held outside the school premises including experiences in the community, work places and other further and higher educational institutions.

(xv) Encouraging participation in EU projects and other projects in accordance with the SDP targets and as agreed with the Senior Management Team.

b) Personal Support:

Supporting pupils with individual educational needs in their personal care and hygiene needs. This includes:

(i) Toileting - cleaning and washing, including accompanying the child to the toilet; undressing and dressing; cleaning, washing and showering; and changing of sanitary towels and incontinence pads;

(ii) Seeing to the mobility, posture and seating needs, including lifting pupils and pushing pupils in wheelchairs according to Health and Safety Regulations issued under the Health and Safety Authority Act taking into consideration international guidelines. The present guidelines shall be:

Lifting up to 27 kilograms shall be undertaken by one Supply LSA; lifting between 28 and 54 kilograms (both inclusive) shall be undertaken by 2 persons; beyond 54 kilograms, a mechanical lift is to be used.

Pushing wheelchairs: up to 45 kilograms occasionally; up to 28 kilograms frequently; and up to 9 kilograms as necessary.

(iii) Ensuring the maximum educational benefit and safety for individual pupils at all times by providing them with assistance during physical education, games, excursions and therapy sessions, as well as normal feeding during mid-morning and mid-day breaks and at other times as required.

c) Transport-related Duties:

Without prejudice to the obligations of the owner and driver of the vehicle concerned regarding the safety of

u l-osservanza totali tal-liġi u r-regolamenti relattivi mat-trasport, *Supply LSAs* jistgħu jintalbu biex jaqdu dmirijiet relatati mat-trasport ta' studenti bi bżonnijiet edukattivi individwali kif ikunu mfissra fl-I*statement* uffiċjali, jew skont kif ikun indikat mill-Kap tal-iskola jew awtorità kompetenti oħra. F'dan il-każ, is-*Supply LSAs* għandhom:

(i) Jgħinu lill-istudenti jitilgħu u jinżlu minn vettura u, f'każijiet ta' studenti li huma f'*wheelchair/buggy*, ilibbsulhom iċ-ċineg ta' sigurtà fuq l-istess *wheelchair/buggy* u ċ-ċineg ta' sigurtà fuq l-istudent biex jassiguraw sigurtà waqt it-trasport;

(ii) jissorveljaw u jindukraw l-istudenti fil-vjaġġ minn u lejn l-iskola kif meħtieġ waqt il-ħin tax-xogħol. Meta jissorveljaw u jindukraw lill-istudenti barra mill-ħin tal-iskola, is-*Supply LSAs* jitħallsu bir-rata stabbilita.

10. L-applikanti għandhom:

a) ikunu għalqu t-18-il sena fid-data tal-applikazzjoni;

b) (i) ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' xi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li dwarhom ikunu japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE fuq il-moviment liberu ta' persuni (f'każ ta' diffikultà dwar il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE għandu jiġi kkonsultat il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin);

JEW

(iv) il-konjuġi u t-tfal, ukoll jekk dawn ikunu ċittadini ta' pajjiżi terzi, ta' xi persuna minn dawk imsemmija fil-paragrafi (i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm dawn ikunu jistgħu jaħdmu f'Malta taħt leġislazzjoni kurrenti. Dan għandu jiġi deċiż bil-parir tad-Direttur taċ-Ċittadinanza u Affarijiet dwar *Expatriates*, fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija fil-paragrafi (ii), (iii) u (iv) hawn fuq tkun teħtieġ il-ħruġ ta' liċenza tal-impjiegi sakemm dan ikun meħtieġ taħt l-Att dwar l-Immigrazzjoni u liġijiet sussidjarji.

ċ) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

d) ikollhom karattru morali tajjeb (l-applikanti li jkunu diġà jinsabu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom

passengers and the full observance of the law and regulations related to transport matters, a Supply LSA may be required to carry out transport-related duties, with student with individual educational needs, should the requirement be indicated by the official statement or by the Head of School or other competent authorities. In such cases, the Supply LSA shall:

(i) assist in the boarding and un-boarding of pupils on and off the transport vehicle and, in the case of students who are wheelchair/buggy users, put on the restraints on the wheelchair/buggy and also put on the passenger restraint on the students to ensure safety during transportation;

(ii) carry out transport supervision duties to and from school when the transport of pupils during normal school hours is necessary; supervision duties carried out outside school hours shall be remunerated at the established rates.

10. Applicants must:

a) be 18 years of age on date of application;

b) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) be citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) be citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) be the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Foreign Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

c) have the ability to communicate in the Maltese and English languages;

d) be of good moral character (those who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record

jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP47); Il-kandidati magħżula għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta dettaljat (Fedina Penali) maħruġ mill-Pulizija mhux aktar tard kmieni minn tliet (3) xhur mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat mill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku u l-ħatra tagħhom tkun suġġetta li jkollhom kondotta kriminali nadifa; L-applikanti għandhom jagħtu l-isem u d-dettalji ta' tliet *referees*;

Form (GP 47); Selected candidates will be required to produce a full and detailed Police Criminal Record (subject Access Request) issued by the Police not earlier than three (3) months from the data of publication of the results by the Public Service Commission and their appointment will be subject to the possession of a clean criminal record. Applicants are to provide the names and contact information of three (3) referees.

e) (i) għandhom fil-pussess tagħhom ċertifikati f'mhux inqas minn erba' (4) suġġetti tas-S.E.C. f'Livell Ordinarju fi grad 5 jew aħjar, u żewġ (2) suġġetti fil-Livell Avvanzat, jew kwalifiki komparabbli;

e) (i) be in possession of at least four (4) S.E.C. Ordinary Level passes at grade 5 or better, and two (2) Advanced Level passes or comparable qualifications;

JEW

OR

(ii) għandhom fil-pussess tagħhom il-*Pre-School Education Certificate* jew kwalifika komparabbli jew kwalifiki oħra ogħla li huma relevanti u rikonoxxuti mid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi;

(ii) are in possession of the Pre-School Education Certificate or comparable qualification or any other relevant higher qualification recognized by the Directorate for Educational Services;

JEW

OR

(iii) għandhom fil-pusess tagħhom l-*MCAST-BTEC National Diploma in Early Years* jew kwalifika komparabbli;

(iii) are in possession of the MCAST_BTEC National Diploma in Early years or comparable qualification;

JEW

OR

(iv) għandhom fil- pusess tagħhom l-*MCAST-BTEC National Diploma in Care* jew kwalifika komparabbli;

(iv) are in possession of the MCAST-BTEC National Diploma in care or comparable qualification.

11. Fil-każ li ma jkunx hemm biżżejjed kandidati eliġibbli skont klawsola 10 is-sejħa għall-applikazzjonijiet hija estiża wkoll għall-applikanti li jkollhom ċertifikati f'mhux inqas minn erba' (4) suġġetti tas-S.E.C. f'Livell Ordinarju fi grad 5 jew aħjar, u suġġett wieħed (1) fil-Livell Avvanzat, jew kwalifiċi komparabbli. Preferenza fil-proċess tal-għażla dejjem tingħata lill-applikanti li jkunu eliġibbli skont klawsola 10 (e).

11. In the eventuality that not enough eligible candidates according to clause 10 are successful, the call of applications is extended to applicants who are in possession of at least four (4) S.E.C. 'O' Level passes at grade 5 or better, and one (1) Advanced Level pass, or comparable qualifications. Preference in selection shall always be given to applicants who fulfill eligibility according to clause 10 (e).

12. L-applikanti huma infurmati li d-Direttorat ta' Servizzi Edukattivi diġà qed iwettaq rakkomandazzjonijiet mir-rapport *"The Inclusive and Special Education Review"* (Ministeru tal-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol, 2005) fil-kuntest tal-iżvilupp ġenerali tas-sistema edukattiva.

12. Applicants are informed that the Directorate for Educational Services is already implementing recommendations of "The Inclusive and Special Education Review" (Ministry of Education, Youth and Employment, 2005) in the context of the general development of the education system.

13. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Direttorat konċernat mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* u mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettabbli.

13. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Directorate by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

14. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

15. Hijar-responsabiltà tal-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet/istituzzjonijiet edukattivi terzjarji jew istituzzjonijiet oħra, Maltin jew barranin (esklużi kwalifiki mogħtija mill-Università ta' Malta, il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija, Istitut għall-Istudji Turistiċi u l-Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage), li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport jew l-awtorità kompetenti, skont il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tintehmeż mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

16. L-applikanti eliġibbli jkunu jridu joqogħdu għal intervista minn Bord tal-Għażla biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

17. L-applikanti magħżula jsirilhom eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għall-post.

18. Ir-riżultat tal-intervisti jiġi ppubblikat mid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi.

19. Il-formoli tal-applikazzjoni u l-*European Curriculum Vitae Format* jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads/recruitenglish.pdf

http://www.education.gov.mt

jew jinkisbu mil-*Customer Care Unit*, Dipartiment tal-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Direttorat għal Servizzi Edukattivi, Triq l-Assedju l-Kbir, il-Furjana VLT 2000 jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex.

20. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *Service and Leave Record Form* (GP 47), sommarju tal-kwalifiki, esperjenza u informazzjoni oħra fil-format tal-*European Curriculum Vitae* iridu jintbagħtu lil-*Customer Care Unit*, Dipartiment tal-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Direttorat għal Servizzi

14. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

15. It is the responsibility of the applicants, in possession of qualifications awarded by Maltese or foreign Universities/tertiary education or other institutions (excluding qualifications awarded by the University of Malta, Malta College of Arts, Science and Technology, Institute of Tourism Studies and Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage), to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control, may request an extension of this time limit, up to a further one month, to the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

16. Eligible applicants will be interviewed by a selection board to assess their suitability for the post.

17. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

18. The result of the interviews will be published by the Directorate for Educational Services.

19. Application forms and European Curriculum Vitae Format may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

http://www.education.gov.mt

or obtained from the Customer Care Unit, Human Resources Development Department, Floriana, Directorate for Educational Services, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana, VLT 2000 or from the Education Office, Victoria, Gozo.

20. Applications on the prescribed form, together with a Service and Leave Record Form (GP 47) and a summary of qualifications and experience in the European Curriculum Vitae Format will be received in the first instance by the Customer Care Unit, Human Resources Development

Edukattivi, Triq l-Assedju l-Kbir, il-Furjana VLT 2000 jew l-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, l-4 ta' Diċembru, 2009.

21. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz tal-*fax*, jew xi messaġġ ieħor simili, sa nofsinhar (Ħin Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, l-4 ta' Diċembru, 2009 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand il-*Customer Care Unit*, Dipartiment tal-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Direttorat għal Servizzi Edukattivi, Triq l-Assedju l-Kbir, il-Furjana VLT 2000 jew l-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* huwa +356 21 225630).

22. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn.

23. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Il-*Customer Care Unit*, Dipartiment tal-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Direttorat għal Servizzi Edukattivi, il-Furjana VLT 2000 jew l-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat'ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-13 ta' Novembru, 2009

KULLEĠĠ MALTI TAL-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi: *Purchasing and Procurement Officer*

Il-Kulleġġ Malta tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija jilqa' applikazzjonijiet mingħand individwi li huma kkwalifikati kif imiss u li għandhom l-esperjenza meħtieġa biex jimlew il-vakanza ta' *Purchasing and Procurement Officer* (Permess tal-ETC Nru. 158/2008) (MPO/2005/23).

Rekwiżiti:

Kandidati prospettivi għandhom:

Ikollhom sitt (6) *'O' levels* fi Grad 5/C jew aħjar. Dawn għandhom jinkludu l-Ingliż, il-Malti u l-Matematika;

Ikollhom tal-anqas żewġ (2) *'A' levels,* li preferibbilment wieħed minnhom għandu jkun l-Ingliż, l-*Accounts* jew l-*Economics*

Juru xhieda li jafu jużaw il-kompjuter

Ikollhom tal-anqas tliet (3) snin esperjenza ta' xogħol f' uffiċċju.

Department, Directorate for Educational Services, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana, VLT 2000 or the Education Office, Victoria, Gozo by not later than noon (Central European Time) of Friday, 4th December 2009.

21. Applications received from abroad through a fax, or other similar message, by noon (Central European Time) of Friday, 4th December 2009 will be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Customer Care Unit, Human Resources Development Department, Directorate for Educational Services, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana, VLT 2000 or the Education Office, Victoria, Gozo by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number is +356-21 225630).

22. A receipt will be given at the time of delivery for applications delivered by hand.

23. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. These applications will be acknowledged in writing by the Customer Care Unit, Human Resources Development Department, Directorate for Educational Services, Floriana, VLT 2000 or the Education Office, Victoria, Gozo within seven days.

13th November, 2009

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancy: Purchasing and Procurement Officer

The Malta College of Arts, Science and Technology invites applications from individuals who are suitably qualified and who have the necessary experience to fill the vacancy of Purchasing and Procurement Officer (ETC Permit No. 158/2008) (MPO/2005/23).

Requirements:

Prospective candidates must:

Be in possession of six (6) 'O' levels at Grade 5/C or better. These must include English, Maltese and Mathematics

Be in possession of a minimum of two (2) 'A' levels, of which one will preferably be in English, Accounts or Economics

Produce evidence of computer literacy

Have a minimum of three (3) years working experience in an office environment.

Tingħata preferenza lill-kandidati li jkunu jafu l-proċedura tal-Gvern rigward akkwisti.

Kandidati prospettivi huma mistiedna biex jibagħtu l-Formola ta' l-Applikazzjoni tal-Kulleġġ mimlija kif suppost, flimkien mal-*history sheet* ta' l-impieg tagħhom li tinkiseb mill-ETC, mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, it-30 ta' Novembru 2009.

L-applikazzjonijiet, li jistgħu jinkisbu *online* u mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani tal-MCAST, għandhom ikunu indirizzati lid-Direttur tal-Amministrazzjoni, fil-Bini ta' l-Aminstrazzjoni, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 9032. L-MCAST jista' jiġi kkuntattjat ukoll fuq Tel: 2398 7100, *Fax:* 2398 7316 u permezz ta' e-mail: www.mcast.edu.mt

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

It-13 ta' Novembru, 2009

KULLEĠĠ MALTI TAL-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanza

Il-Kulleġġ Malta tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija jinħtieġ jimla l-pożizzjoni ta' Deputat Direttur fl-Istitut Marittimu (Permess tal-ETC Nru. 201/2009).

Kandidati prospettivi għandu jkollhom tal-anqas:

L-ewwel lawrja f'suġġett relatat marittimu relevanti;
Kwalifika ekwivalenti għal *master's degree* f'suġġett relatat marittimu jew kwalifika relatata mal-*management* jew ħames snin f'pożizzjoni ta' *management*;
Tal-anqas ħames snin esperjenza ta' tagħlim/*lecturing* relatat ma' xi wieħed mis-suġġetti mgħallma fl-Istitut. Esperjenza industrijali relatata tista' tkun ikkunsidrata.

Il-kandidat magħżul ikun mstenni li:

Ikun kapaċi bil-provi biex jimmotiva u jmexxi membri ta' tim biex jilħqu l-għanijiet stabbiliti mill-Bord tal-Gvernaturi tal-MCAST;
Juri inizjattiva u jkollu kapaċitajiet intraprenditorjali biex imexxi l-Istitut bħala unità effiċjenti u *cost-effective*;
Ikun kapaċi jaħdem f'tim u jkun flessibbli fil-qadi ta' dmirijiet li għandhom x'jaqsmu mat-tmexxija ta' kuljum tal-Istitut;
Jaqdi dmirijiet kif delegati lilu/lilha u joqgħod minflok id-Direttur tal-Istitut.

Il-kandidat magħżul jiġi impjegat fuq kuntratt definit ta' tliet snin, li wara jista' jiġġedded soġġett għal qadi tajjeb ta' dmirijietu.

Kandidati prospettivi huma mistiedna biex jibagħtu l-Formola tal-Applikazzjoni tal-Kulleġġ mimlija kif suppost,

Candidates with a knowledge of government procurement procedures will be given preference.

Prospective candidates are invited to submit the completed MCAST application form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than Monday, 30th November, 2009 at noon.

Applications, which are available online and from the MCAST Human Resources Office, are to be addressed to the Administrative Director at: Administration Building, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 9032. MCAST can be contacted also on Tel: 2398 7100, Fax: 2398 7316 and through e-mail: www.mcast.edu.mt

Late applications will not be considered.

13th November, 2009

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancy

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to fill the position of Deputy Director at the Maritime Institute (ETC Permit No. 201/2009).

Candidates for the post should possess as a minimum:

A first degree in a relevant maritime related subject;
A qualification equivalent to a master's degree in a marine related subject or a management related qualification or 5 years in a management position;
A minimum of 5 years teaching/lecturing experience related to any of the main disciplines taught at the Institute. Related industrial experience may be considered.

The selected candidate will be expected to:

Have proven ability to motivate and lead team members to achieve objectives set by the MCAST Board of Governors;

Show initiative and possess entrepreneurial skills to help run the Institute as an efficient and cost-effective unit;
Be able to work in a team and be flexible in carrying out any duties connected with the day-to-day running of the Institute;
Perform duties as are delegated to her/him and deputise for the Director of Institute.

The successful applicant will be engaged on a three year definite contract, renewable thereafter subject to satisfactory performance.

Prospective candidates are invited to submit the completed College Application Form, together with their employment

flimkien mal-*history sheet* tal-impieg tagħhom li tinkiseb mill-ETC, mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, it-30 ta' Novembru 2009.

L-applikazzjonijiet, li jistgħu jinkisbu *online* u mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani tal-MCAST, għandhom ikunu indirizzati lid-Direttur tal-Amministrazzjoni, fil-Bini ta' l-Amministrazzjoni, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 9032. L-MCAST jista' jiġi kkuntattjat ukoll fuq Tel: 2398 7100, *Fax:* 2398 7316 u permezz ta' e-mail: www.mcast.edu.mt

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

It-13 ta' Novembru, 2009

history sheet obtainable from the ETC, by not later than Monday, 30th November 2009, at noon.

Applications, which are available online and from the MCAST Human Resources Office, are to be addressed to the Administrative Director at the Administration Building, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 9032. MCAST can be contacted also on Tel: 2398 7100, Fax: 2398 7316 and through e-mail: www.mcast.edu.mt

Late applications will not be considered.

13th November, 2009

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, KULTURA, ŻGĦAŻAGĦ U *SPORT*

Sejħa għall-Espressjoni ta' Interess – Servizzi Legali (Wirt Kulturali)

Id-Direttur Servizzi Korporattivi fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, Kultura, Żagħżagħ u *Sport* jgħarraf li jintlaqgħu 'Espressjonijiet ta' Interess' mingħand prattikanti kwalifikati fil-liġi jew ditti legali għall-/sabiex:-

1. Provvediment ta' servizzi legali speċifikament sabiex isiru abbozzi ta' emendi għall-Att dwar il-Wirt Kulturali;
2. Jattendi/u l-Forum Nazzjonali dwar il-Wirt Kulturali li jsir kull sena mill-Ministeru;
3. Jorganizza/w/jattendi/u laqgħat ma' dawk kollha nvoluti fil-qasam tal-Wirt Kulturali;
4. Jagħti/u sa 40 siegħa xogħol kull xahar sa perjodu ta' sena.

Preferenza tingħata lil dawk l-applikanti li jkunu speċjalizzati fi tmexxija kulturali u l-Liġi ta' Governanza, fil-Liġi tal-Wirt Kulturali u oqsma relatati li jinkludu t-tmexxija ta' proprjetà intellettwali u li għandhom esperjenza f'dawn l-oqsma tal-liġi.

Id-dokumenti jistgħu jinġabru mid-Dipartiment għal Servizzi Korporattivi, Taqsima tal-*Procurement, Education Building,* Kamra Nru. 144, Triq l-Assedju l-Kbir, il-Furjana bejn it-8.30 a.m. u l-11.00 a.m.

Dawk interessati għandhom jimlew id-dokument ta' 'Espressjoni ta' Interess' (Formoli A u B) u jagħlquhom f'envelop magħluq u ndirizzat lid-Direttur Servizzi Korporattivi u mmarkat Espressjoni ta' Interess – Servizzi Legali (Wirt Kulturali). Dawn għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti fl-indirizz hawn fuq imsemmi sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Erbgħa, il-25 ta' Novembru 2009.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb fuq in-numru tat-telefon 23886117 jew fuq *e-mail* henry.cachia@gov.mt

It-13 ta' Novembru, 2009

MINISTRY OF EDUCATION, CULTURE, YOUTH AND SPORT

Call for Expression of Interest – Legal Services (Cultural Heritage)

The Director of Corporate Services within the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport notifies that 'Expressions of interest' will be received from qualified legal practitioners or law firms for/to:

1. the provision of legal services, specifically for the drafting of amendments to the Cultural Heritage Act;
2. attend the annual National Forum on Cultural Heritage organised by the Ministry and
3. hold/attend meetings with the various stakeholders involved in the field of Cultural Heritage;
4. work up to 40 hours per month and for a period of up to one year.

Preference will be given to applicants with specialisation in cultural management and governance law, cultural heritage law and related areas including intellectual property management and who/which have experience in these fields of law.

Expression of Interest documents may be collected from the Department of Corporate Services, Procurement Section, Education Building, Room 144, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana between 8.30 a.m. and 11.00 a.m.

All interested parties are to fill in the Expression of Interest documents (Forms A and B) and enclose them in a sealed envelope addressed to The Director Corporate Services, duly marked Expression of Interest – Legal Services (Cultural Heritage). These are to be deposited in the tender box at the above mentioned address by not later than noon of Wednesday, 25th November 2009.

For further information phone 23886117 or send an e-mail to henry.cachia@gov.mt

13th November, 2009

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI
U AFFARIJIET RURALI

Notifika ta' Benefiċjarji Eliġibbli taħt Miżura 142: - Twaqqif ta' Għaqdiet tal-Produtturi

B'riferenza għat-tnedija tal-Miżura 142: Twaqqif ta' Għaqdiet tal-Produtturi ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 18,490, datata t-Tlieta, 6 ta' Ottubru, 2009, għandu jiġi nnutat li l-benefiċjarji eliġibbli huma Għaqdiet tal-Produtturi jew Organizzazzjonijiet tal-Produtturi rikonoxxuti mid-Direttur tal-Agrikoltura, fi qbil mad-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni mħaddna skont Artikolu 19 tal-Att tal-Għaqdiet tal-Produtturi, Att IX tal-2002.

It-13 ta' Novembru, 2009

MINISTRY FOR RESOURCES
AND RURAL AFFAIRS

Notification of Eligible Beneficiaries under Measure 142: - Setting up of Producer Groups

Reference is made to the launch of Measure 142: Setting up of Producer Groups published on Government Gazette No. 18,490, dated Tuesday 6th October, 2009, it is to be noted that eligible beneficiaries are Producer Groups or Producer Organisations recognised by the Director of Agriculture, in accordance with the provisions of legislation enacted in line with Art 19 of the Producer Organisations Act, Act IX of 2002.

13th November, 200**9**

GVERN TA' MALTA
Awtorità ta' Tmexxija
Fond Agrikolu Ewropew Għall-Iżvilupp Rurali
Programm għall-Iżvilupp Rurali 2007-2013

GOVERNMENT OF MALTA
Managing Authority
European Agricultural Fund for Rural Development
Rural Development Programme 2007-2013

BORD TAL-KOPERATTIVI

(Att Nru. XXX tal-2001 dwar l-Għaqdiet Koperattivi)

Xoljiment ta' Għaqda

Ordni Nru. 15

Billi l-koperattiva "Independent Financial Advice Co-op Ltd" li ġiet irreġistrata fis-16 ta' Diċembru 2005, waqfet minn kull ħidma u billi l-Bord tal-Koperattivi huwa sodisfatt illi s-Soċjetà msemmija għandha tiġi maħlula skont u għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 100 (2) tal-Att dwar l-Għaqdiet Koperattivi Nru XXX tal-2001, il-Bord tal-Koperattivi ordna illi s-Soċjetà msemmija għandha tinħall u tinnomina lis-Sur Patrick Gauci FIA, MA Financial Services, CPA, 31, Apartment 4, St. Margaret, San Ġwann, bħala likwidatur.

Is-Sur John Camilleri
Chairperson
Bord tal-Koperattivi

Il-21 ta' Ottubru, 2009
CB 13/09

CO-OPERATIVES BOARD

Co-operative Societies Act No. XXX of 2001)

Winding up Order

Order No. 15

Whereas the "Independent Financial Advice Co-op Ltd" which was registered on the 16th December 2005, ceased functioning and the Co-operatives Board is satisfied that the Society should be wound up in accordance with and for the purposes of the provisions of section 100 (2) of the Co-operative Societies Act No. XXX of 2001, the Co-operatives Board has ordered the said Society to be wound up and has appointed Mr Patrick Gauci FIA, MA Financial Services, CPA, 31, Apartment 4, St. Margaret, San Ġwann, to be liquidator.

Mr John Camilleri
Chairperson
Co-operatives Board

21st October 2009

BORD TAL-KOPERATTIVI

(Att Nru. XXX tal-2001 dwar Soċjetajiet Koperattivi)

Avviż ta' Emenda ta' Regola

Ordni Nru. 16

Ngħarrfu b'dan illi regola numru 01.01(b) ta' "Northern Cleaning Co-Operative Ltd" ġiet emendata. Din l-emenda ġiet reġistrata mill-Bord tal-Koperattivi fil-21 ta' Ottubru, 2009, skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 37 (2) tal-Att Nru. XXX tal-2001.

Is-Sur John Camilleri
Chairperson
Bord tal-Koperattivi

Il-21 ta' Ottubru, 2009
CB 34/79/64

CO-OPERATIVES BOARD

(Co-Operative Societies Act No. XXX of 2001)

Notice of Amendment of Rule

Order No. 16

It is hereby notified that rule number 01.01(b) of "Northern Cleaning Co-Operative Ltd" has been amended. The Co-Operatives Board has duly registered it on the 21st October, 2009, in accordance with the provisions of section 37 (2) of Act No. XXX of 2001.

Mr John Camilleri
Chairperson
Co-operatives Board

21st October, 2009

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

Eżamijiet tal-*Edexcel London*
Mejju/Ġunju 2009

Id-Direttur tal-Eżamijiet jgħarraf lill-kandidati li ċ-ċertifikati dwar l-eżami msemmi hawn fuq waslu.

Il-kandidati għandhom jiġbru ċ-ċertifikati mill-uffiċini msemmija hawn taħt:

Kandidati f'Malta:-
Dipartiment tal-Eżamijiet,
Il-Furjana

Kandidati f'Għawdex:-
Ċentru tal-Eżamijiet,
Ir-Rabat,
Għawdex

Importanti

Il-kandidati għandhom jiftakru illi ċ-ċertifikati tagħhom jistgħu jinġabru biss meta jippreżentaw il-karta tal-identità tagħhom u r-*result slip*.

Jekk iċ-ċertifikat jinġabar mit-tutur, għandhom jintwerew il-Karta tal-Identità tat-tutur u tal-kandidat.

It-13 ta' Novembru, 2009

EXAMINATIONS DEPARTMENT

The Edexcel London Examinations -
May/June 2009

The Director of Examinations notifies candidates that the certificates in respect of the above examination have been received.

Candidates are to collect their certificates from the undermentioned offices:

Malta candidates:-
Examinations Department
Floriana

Gozo candidates:-
Examinations Centre,
Victoria,
Gozo

Important

Candidates are reminded that certificates can only be collected on presentation of their identity card and result slip.

If the certificate is collected by the guardian, the identity card of both the guardian and the candidate should be presented.

13th November, 2009

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

London Chamber of Commerce and Industry
Series 2 2010

Id-Direttur tal-Eżamijiet jgħarraf lill-kandidati li fi ħsiebhom jagħmlu l-Eżamijiet tal-*London Chamber of Commerce and Industry - Series 2 2010* li l-formoli tal-applikazzjoni jintlaqgħu minn nhar it-Tnejn, it-30 ta' Novembru, 2009 sal-Ġimgħa, il-11 ta' Diċembru, 2009, mit-8.00 a.m. sa nofsinhar u mis-1.30 p.m. sal-4.30 p.m. kif ġej:

Kandidati f'Malta:
Dipartiment tal-Eżamijiet,
Triq l-Assedju l-Kbir,
Il-Furjana

Kandidati f'Għawdex:
Ċentru tal-Eżamijiet,
Triq Fortunato Mizzi,
Ir-Rabat,
Għawdex

Dettalji dwar ħlasijiet u suġġetti disponibbli jistgħu jinkisbu mill-uffiċċji msemmija.

L-applikanti jistgħu wkoll jibagħtu l-applikazzjoni tagħhom *on-line* fuq www.exams.gov.mt. Ir-reġistrazzjoni *on-line* tista' ssir bejn nhar it-Tnejn, it-30 ta' Novembru 2009 u t-Tnejn, l-14 ta' Diċembru, 2009 sal-4.00 p.m.

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment tal-Eżamijiet, il-Furjana, u miċ-Ċentru tal-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex, jew minn fuq il-*website* tad-Dipartiment www.exams.gov.mt

It-13 ta' Novembru, 2009

EXAMINATIONS DEPARTMENT

The London Chamber of Commerce and Industry
Series 2 2010

The Director of Examinations notifies candidates intending to sit for the London Chamber of Commerce and Industry - Series 2 2010 Examinations that application forms will be received from Monday, 30th November 2009 up to Friday 11th December, 2009 from 8.00 a.m. to noon and from 1.30 p.m. to 4.30 p.m. as follows:

Malta Candidates:
Examinations Department,
Triq l-Assedju l-Kbir,
Floriana

Gozo Candidates:
Examinations Centre,
Triq Fortunato Mizzi,
Victoria,
Gozo

Details regarding fees and subjects available may be obtained from the above offices.

Applicants have also the option to send their application on-line on www.exams.gov.mt. The on-line registration will be available between Monday, 30th November, 2009 up to Monday, 14th December, 2009 till 4.00 p.m.

Other details may be obtained from the Examinations Department, Floriana, and the Examinations Centre, Victoria, Gozo, or from the Department's website on www.exams.gov.mt

13th November, 2009

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Eżami tat-Tagħlim tal-Lingwa Ingliża bħala Lingwa Barranija (EFL) - Novembru 2009 -

L-Ewwel Parti - Eżami tal-Kitba

Id-Direttur tal-Eżamijiet jgħarraf li l-avviż tal-eżami msemmi hawn fuq intbagħat lill-kandidati kkonċernati.

Dawk il-kandidati li ma rċevewx l-avviż tal-eżami huma mitluba biex jikkuntattjaw minnufih lid-Dipartiment tal-Eżamijiet, il-Furjana fuq 2598 2231 fil-ħinijiet tal-uffiċċju.

It-13 ta' Novembru, 2009

DEPARTMENT OF EXAMINATIONS

English as a Foreign Language (EFL) Examination - November 2009 -

Part I - Written Session

The Director of Examinations notifies that the notice of the above mentioned examination has been sent to the candidates concerned.

Those candidates who have not received the notice of the examination are asked to contact immediately the Department of Examinations, Floriana on 2598 2231 during office hours.

13th November, 2009

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

Avviż

Bis-saħħa tar-regolament 88 tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, il-Kummissjonarji Elettorali b'dan javżaw illi se ssir elezzjoni każwali biex jimtela l-post ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ (M).

E.R. GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Valletta.

It-13 ta' Novembru, 2009

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

Notice

By virtue of regulation 88 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, the Electoral Commissioners hereby notify that a casual election is being held to fill the vacancy of a Councillor for the Local Council of Ħaż-Żebbuġ (M).

E.R. GATT
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

13th November, 2009

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

Avviż

Skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 89 tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, il-Kummissjonarji Elettorali javżaw illi huma se jkunu fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali, Evans Building, Misraħ Sant'Jiermu, Valletta, nhar it-Tnejn 16, it-Tlieta, 17 u l-Erbgħa 18 ta' Novembru, 2009 mill-10.00 a.m. sa nofsinhar biex jirċievu nominazzjonijiet ta' kandidati għall-elezzjoni każwali ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ (M).

E.R. GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Valletta.

It-13 ta' Novembru, 2009

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

Notice

In accordance with the provisions of regulation 89 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, the Electoral Commissioners notify that they will be in attendance at the Office of the Electoral Commission, Evans Building, St Elmo Square, Valletta on Monday 16th, Tuesday 17th and Wednesday 18th November, 2009 from 10.00 a.m. to noon to receive nominations of candidates for the casual election of Councillor for the Local Council of Ħaż-Żebbuġ (M).

E.R. GATT
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

13th November, 2009

CENTRAL BANK OF MALTA

ASSETS AND LIABILITIES AS AT 30 SEPTEMBER 2009

ASSETS

	€
Gold and gold receivables	11,067,198
Claims on non-euro area residents in fcy	335,826,855
Claims on euro area residents in fcy	287,688,790
Claims on non-euro area residents in euro	100,857,337
Lending related to monetary policy operations	530,000,000
Other claims on euro area credit institutions in euro	627,672
Securities of euro area residents in euro	604,737,756
General government debt in euro	-
Intra-Eurosystem claims	48,297,627
Items in course of settlement	6,047,132
Other assets	656,380,212
	2,581,530,579

LIABILITIES

	€
Banknotes in circulation	640,596,970
Liabilities related to monetary policy operations	499,933,324
Other liabilities on euro area credit institutions in euro	-
Debt certificates issued	-
Liabilities to other euro area residents in euro	377,267,577
Liabilities to non-euro area residents in euro	90,362,507
Liabilities to euro area residents in fcy	92,103,999
Liabilities to non-euro area residents in fcy	78,962
Counterpart of special drawing rights allocated by the IMF	103,157,889
Intra-Eurosystem liabilities	383,483,550
Items in course of settlement	-
Other liabilities	131,608,379
Provisions	5,118,807
Revaluation accounts	18,107,792
Capital and reserves	239,710,823
	2,581,530,579

R. FILLETTI
FINANCIAL CONTROLLER

G. HUBER
DIRECTOR
FINANCE & BANKING

HERITAGE MALTA

Il-Kap Eżekuttiv ta' Heritage Malta jgħarraf li:

Heritage Malta qiegħda tniedi kompetizzjoni biex jintgħażel disinn għall-Proġett maħsub biex itejjeb l-esperjenza ta' dawk li jżuru t-Tempji tal-Ġgantija fix-Xagħra Għawdex bħala parti mill-'*Archaeological Heritage Conservation Project*', parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali 2007-2013 – Ninvestu fil-futur tiegħek.

Il-kontestanti għandhom jirreġistraw u jniżżlu l-informazzjoni kollha meħtieġa fis-sit elettroniku www.heritagemalta.org/erdf032.

Is-sottomissjonijiet għandhom jitwasslu jew jintbagħtu lil Heritage Malta, l-Università l-Antika, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1175, sa mhux aktar tard minn nofsinhar tas-16 ta' Diċembru 2009.

It-13 ta' Novembru, 2009

HERITAGE MALTA

The Chief Executive Officer, Heritage Malta notifies that:

An architectural Design Contest has been launched for 'Enhancing the visitor experience in the Ggantija Heritage Park World Heritage Site' as part of the 'Archaeological Heritage Conservation Project' part financed by the European Union European Regional Development Fund 2007-2013 – Investing in your future.

Contestants are to register and download all the necessary information from www.heritagemalta.org/erdf032.

Interested Contestants are to submit their proposals for the above mentioned design contest, to Heritage Malta, Old University Buildings, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1175, by hand or dispatched by noon local time of the 16th December 2009.

13th November, 2009

KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ

Il-Kunsill Lokali Żurrieq jgħarraf illi t-toroq li ġejjin se jkunu magħluqa għat-traffiku nhar is-Sibt, 28 ta' Novembru, 2009: parti minn Triq San Mikiel, Misraħ ir-Repubblika,Triq Pietru Pawl Saydon, Misraħ Mattia Preti, Triq il-Ħaddiema, parti minn Triq il-Kbira u Triq Dun Ġużepp Zammit.

Nhar is-Sibt, 28 ta' Novembru, 2009, it-trasport pubbliku se jgħaddi minn Triq Carlo De Giovanni Inglott.

It-13 ta' Novembru, 2009

ŻURRIEQ LOCAL COUNCIL

The Żurrieq Local Council notifies that the following streets will be closed for traffic on Saturday, 28th November, 2009: part of Triq San Mikiel, Misraħ ir-Repubblika,Triq Pietru Pawl Saydon, Misraħ Mattia Preti, Triq il-Ħaddiema, part of Triq il-Kbira and Triq Dun Ġużepp Zammit.

On Saturday, 28th November, 2009, public transport will operate through Triq Carlo De Giovanni Inglott.

13th November, 2009

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, is-17 ta' Novembru, 2009, għal:

CT 378/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2422/2009. Disinn, provvista, stallazzjoni, ittestjar u kummissjonar ta' *Aircraft Maintenance Course Ware* għall-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija, *Institute of Mechanical Engineering Aircraft Maintenance Training Centre*, Għolja ta' Kordin, Raħal Ġdid – Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 17th November, 2009, for:

CT 378/2009 - Contracts Ref No, CT 2422/2009. Design, supply, delivery, installation, testing and commissioning of Aircraft Maintenance Course Ware at Malta College of Arts, Science and Technology (MCAST) Institute of Mechanical Engineering Aircraft Maintenance Training Centre, Corradino Hill, Paola – Malta College of Arts, Science and Technology.

u Teknoloġija. Irid jitħallas dritt ta' €50.00 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Dan huwa *Supply Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Soċjali Ewropew 2007-2013 – Ninvestu fil-futur tiegħek.

(*Budget* Stmat: €800,000.00 mingħajr V.A.T.).

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fis-17 ta' Settembru 2009.

A fee of €50.00 will be charged for each copy of tender document.

This is a Supply Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union under the European Social Fund 2007-2013 – Investing in your future.

(Estimated Budget: €800,000.00 excluding V.A.T.).

The EU Contract Notice was dispatched on 17th September 2009.

CT 380/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2326/2007. Provvista, stallazzjoni u kummissjonar ta' sorsi rinnovabbli ta' l-enerġija *(photovoltaic cells)* għall-ġenerazzjoni tal-elettriku fl-MCAST Main Campus, l-Għolja ta' Kordin, Raħal Ġdid – Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija. Irid jitħallas dritt ta' €100.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Dan huwa *Supply Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali – Ninvestu fil-futur tiegħek.

(Budget Stmat: €782,316.00 mingħajr V.A.T.).

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fit-22 ta' Settembru 2009.

CT 380/2009 - Contracts Ref No, CT 2326/2007. Supply, delivery, installation and commissioning of renewable energy sources (photovoltaic cells) for electrical power generation at MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola – Malta College of Arts, Science and Technology. A fee of €100.00 will be charged for each copy of tender document.

This is a Supply Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union under the European Regional Development Fund 2007-2013 – Investing in your future.

(Estimated Budget: €782,316.00 excluding V.A.T.).

The EU Contract Notice was dispatched on 22nd September 2009.

CT 381/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2225/2009. Provvista, installazzjoni u kummissjonar ta' *laser based flow cytometer* komplut b'*cell sorter* u *routine flow cytometer* għall-Fakultajiet tas-Saħħa Bijoteknoloġika – Università ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' €60.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Dan huwa *Supply Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali – Ninvestu fil-futur tiegħek.

(Budget Stmat: €367,796.61 mingħajr V.A.T.).

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fit-22 ta' Settembru 2009.

CT 381/2009 - Contracts Ref No, CT 2225/2009. Supply, delivery, installation and commissioning of a laser based flow cytometer complete with cell sorter and a routine flow cytometer for the Health Biotechnology Facilities – University of Malta. A fee of €60.00 will be charged for each copy of tender document.

This is a Supply Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union under the European Regional Development Fund 2007-2013 – Investing in your future.

(Estimated Budget: €367,796.61 excluding V.A.T.).

The EU Contract Notice was dispatched on 22nd September 2009.

CT 383/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2320/2009. Provvista ta' *paper towels dispensed from wall mounted, touchless dispensers* għal-Isptar Mater Dei – Taqsima tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' €50.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fit-23 ta' Settembru 2009.

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) javża għal informazzjoni ta' kulħadd illi din is-sejħa għal offerti qiegħda tiġi kkanċellata.

CT 383/2009 - Contract Ref No, CT 2320/2009. Provision of highly absorbent hand paper towels dispensed from wall mounted, touchless dispensers for Mater Dei Hospital – Health Division. A fee of €50.00 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 23rd September 2009.

The Director General (Contracts) notifies for general information that this call for tenders is being cancelled.

CT 407/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2513/2009. Bejgħ *tale quale* u tneħħija ta' vetturi mhux servibbli – Forzi Armati ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' €10.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

CT 407/2009 - Contract Ref No, CT 2513/2009. Sale tale quale and removal of unserviceable vehicles – Armed Forces of Malta. A fee of €10.00 will be charged for each copy of tender document.

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, id-19 ta' Novembru, 2009, għal:

CT/A/043/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2567/2009. Provvediment ta' *interactive whiteboards* u *short throw projectors* għal diversi skejjel – Direttorat għal Kwalità u *Standards* fl-Edukazzjoni. Kopja tad-dokument tal-offerta tista' titniżżel mill-*website* http://www.contracts.gov.mt.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fis-6 ta' Ottubru 2009.

CT 408/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2630/2009. Qafas ta' Ftehim għall-provvista ta' *boiler suits* lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

CT 409/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2631/2009. Ftehim ta' qafas għall-provvista ta' kalzetti u *tights* lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

CT 317/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2584/2008. Xogħlijiet ta' bini mill-ġdid u titjib ta' erba' sezzjonijiet tan-*network* tat-toroq TEN-T f'Malta – Awtorità Maltija dwar it-Trasport. Irid jitħallas dritt ta' €1,500.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Dan huwa *Works Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond ta' Koeżjoni 2007-2013 – Ninvestu fil-futur tiegħek.

(*Budget* Stmat: €40,196,33.00 V.A.T. inkluża).

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fil-11 ta' Awwissu 2009.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, l-24 ta' Novembru, 2009, għal:

CT 384/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2174/2009. Provvista ta' diversi *computer hardware* u tagħmir tal-laboratorju għat-twaqqif ta' *Mechanical Engineering Computer Modelling and Simulation Laboratory* – Università ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' €60.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Dan huwa *Supply Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali – Ninvestu fil-futur tiegħek.

(*Budget* Stmat: €60,500.00 mingħajr V.A.T.).

CT 385/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2366/2009. Provvista, konsenja u stallazzjoni ta' tagħmir għal-Laboratorju tal-Lingwa b'*Contact Training Facility* fl-*MCAST Institute of Business and Commerce*, fil-*Campuses* ta' Malta u Għawdex – Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija. Irid jitħallas dritt ta' €60.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Dan huwa *Supply Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali – Ninvestu fil-futur tiegħek.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 19th November, 2009, for:

CT/A/043/2009 - Contracts Ref No, CT 2567/2009. Procurement of interactive whiteboards and short throw projectors for various schools – Directorate for Quality and Standards in Education. A copy of the tender document may be downloaded from the website http://www.contracts.gov.mt.

The EU Contract Notice was dispatched on 6th October 2009.

CT 408/2009 - Contracts Ref No, CT 2630/2009. Framework agreement for the supply of boiler suits to the Procurement Section of the Contracts Department.

CT 409/2009 - Contracts Ref No, CT 2631/2009. Framework agreement for the supply of socks and tights to the Procurement Section of the Contracts Department.

CT 317/2009 - Contracts Ref No, CT 2584/2008. Reconstruction and upgrading of four sections of the TEN-T road networks in Malta – Malta Transport Authority. A fee of €1,500.00 will be charged for each copy of tender document.

This is a Works Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union under the Cohesion Fund 2007-2013 – Investing in your future.

(Estimated Budget: €40,196,33.00 including V.A.T.).

The EU Contract Notice was dispatched on 11th August 2009.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 24th November, 2009, for:

CT 384/2009 - Contracts Ref No, CT 2174/2009. Supply of various computer hardware and laboratory equipment for the setting up of a Mechanical Engineering Computer Modelling and Simulation Laboratory – University of Malta. A fee of €60.00 will be charged for each copy of tender document.

This is a Supply Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union under the European Regional Development Fund 2007-2013 – Investing in your future.

(Estimated Budget: €60,500.00 excluding V.A.T.).

CT 385/2009 - Contracts Ref No, CT 2366/2009. Provision, delivery and installation of equipment for Language Laboratory with Contact Training Facility at MCAST Institute of Business and Commerce, Malta and Gozo Campuses – Malta College of Arts, Science and Technology. A fee of €60.00 will be charged for each copy of tender document.

This is a Supply Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union under the European Regional Development Fund 2007-2013 – Investing in your future.

(*Budget* Stmat: €380,533.00 mingħajr V.A.T.).

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fl-24 ta' Settembru 2009.

CT 386/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2398/2009. Ftehim ta' qafas għall-provvista ta' *mild steel bars, angles, plates* u *hollow sections* lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fil-25 ta' Settembru 2009.

CT 388/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2224/2009. Provvista, stallazzjoni u kummissjonar ta' diversi għamajjar tal-laboratorju għall-Faċilitajiet tas-Saħħa Bijoteknoloġika – Università ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' €60.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Dan huwa *Supply Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali – Ninvestu fil-futur tiegħek.

(*Budget* Stmat: €371,128.81 mingħajr V.A.T.).

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fit-28 ta' Settembru 2009.

CT 398/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2466/2009. Xiri ta' erba' *utereroscopes* u żewġ *control units* għall-Isptar Mater Dei – Taqsima tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' €50.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

CT/A/044/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2504/2009. Provvista ta' frott u ħaxix frisk għall-iskejjel f'Malta u Għawdex – Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali. Kopja tad-dokument tal-offerta tista' titniżżel mill-*website* http://www.contracts.gov.mt.

Dan huwa *Supply Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-European Agricultural Guarantee Fund.

(Budget Stmat: €301,000.00 mingħajr V.A.T.).

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fit-8 ta' Ottubru 2009.

CT/A/045/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2511/2009. Xogħlijiet ta' restawr fil-Fortifikazzjonijiet tal-Valletta Landfront - VLT 07 – Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali. Kopja tad-dokument tal-offerta tista' titniżżel mill-*website* http://www.contracts.gov.mt.

Dan huwa *Works Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali 2007-2013 – Ninvestu fil-futur tiegħek.

(Budget Stmat: €1,780,795.88 mingħajr V.A.T.).

CT/A/046/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2545/2009. Tisbiħ u *landscaping* ta' *playing fields* f'San Ġwann t'Għuxa, Bormla – Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport

(Estimated Budget: €380,533.00 excluding V.A.T.).

The EU Contract Notice was dispatched on 24th September 2009.

CT 386/2009 - Contracts Ref No, CT 2398/2009. Framework agreement for the supply of mild steel bars, angles, plates and hollow sections to the Procurement Section of the Contracts Department.

The EU Contract Notice was dispatched on 25th September 2009.

CT 388/2009 - Contracts Ref No, CT 2224/2009. Supply, delivery, installation and commissioning of various laboratory furniture for the Health Biotechnology Facilities – University of Malta. A fee of €60.00 will be charged for each copy of tender document.

This is a Supply Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union under the European Regional Development Fund 2007-2013 – Investing in your future.

(Estimated Budget: €371,128.81 excluding V.A.T.).

The EU Contract Notice was dispatched on 28th September 2009.

CT 398/2009 - Contract Ref No, CT 2466/2009. Purchase of four utereroscopes and two control units for Mater Dei Hospital – Health Division. A fee of €50.00 will be charged for each copy of tender document.

CT/A/044/2009 - Contracts Ref No, CT 2504/2009. Supply and delivery of fresh fruit and vegetables to schools in Malta and Gozo – Ministry for Resources and Rural Affairs. A copy of the tender document may be downloaded from the website http://www.contracts.gov.mt.

This is a Supply Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union under the European Agricultural Guarantee Fund.

(Estimated Budget: €301,000.00 excluding V.A.T.).

The EU Contract Notice was dispatched on 8th October 2009.

CT/A/045/2009 - Contracts Ref No, CT 2511/2009. Restoration works to Valletta Landfront Fortifications - VLT 07 – Ministry for Resources and Rural Affairs. A copy of the tender document may be downloaded from the website http://www.contracts.gov.mt.

This is a Works Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union under the European Regional Development Fund 2007-2013 – Investing in your future.

(Estimated Budget: €1,780,795.88 excluding V.A.T.).

CT/A/046/2009 - Contracts Ref No, CT 2545/2009. Embellishment and landscaping of playing fields at San Ġwann t'Għuxa, Cospicua – Ministry for Infrastructure,

u Komunikazzjoni. Kopja tad-dokument tal-offerta tista' titniżżel mill-*website* http://www.contracts.gov.mt.

Dan huwa *Works Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali 2007-2013 – Ninvestu fil-futur tiegħek.

(*Budget* Stmat: €150,000.00 mingħajr V.A.T.).

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, is-26 ta' Novembru, 2009, għal:

CT 389/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2217/2009. *3D Documentation* tat-Tempji ta' Ħal Tarxien u tal-Katakombi ta' San Pawl – Heritage Malta. Irid jitħallas dritt ta' €150.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Dan huwa *Service Notice* taħt l-International Open Tender Procedure. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali – Ninvestu fil-futur tiegħek.

(*Budget* Stmat: €162,300.00 mingħajr V.A.T.).

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fid-29 ta' Settembru 2009.

CT 390/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2460/2009. Provvista, stallazzjoni u kummissjonar ta' diversi tagħmir tal-laboratorju biex jitjiebu l-Faċilitajiet tas-Saħħa Bijoteknoloġika – Università ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' €60.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Dan huwa *Supply Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali 2007-2013 – Ninvestu fil-futur tiegħek.

(*Budget* Stmat: €64,430.49 mingħajr V.A.T.).

CT 391/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2462/2009. Provvista, stallazzjoni u kummissjonar ta' diversi tagħmir tal-laboratorju u *computers* biex jitjiebu l-Faċilitajiet tas-Saħħa Bijoteknoloġika – Università ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' €60.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Dan huwa *Supply Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali 2007-2013 – Ninvestu fil-futur tiegħek.

(*Budget* Stmat: €100,145.69 mingħajr V.A.T.).

CT 402/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2501/2009. Xiri ta' *video endoscopic system* għall-Isptar Mater Dei – Taqsima tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' €50.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

CT 404/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2464/2009. Xiri ta' *multifunctional monitor* għall-Isptar Mater Dei – Taqsima tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' €50.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Transport and Communications. A copy of the tender document may be downloaded from the website http://www.contracts.gov.mt.

This is a Works Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union under the European Regional Development Fund 2007-2013 – Investing in your future.

(Estimated Budget: €150,000.00 excluding V.A.T.).

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 26th November, 2009, for:

CT 389/2009 - Contracts Ref No, CT 2217/2009. 3D Documentation of the Tarxien Temples and the St Paul's Catacombs Underground Complex – Heritage Malta. A fee of €150.00 will be charged for each copy of tender document.

This is a Service Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union under the European Regional Development Fund 2007-2013 – Investing in your future.

(Estimated Budget: €162,300.00 excluding V.A.T.).

The EU Contract Notice was dispatched on 29th September 2009.

CT 390/2009 - Contracts Ref No, CT 2460/2009. Supply, delivery, installation and commissioning of various laboratory equipment to enhance the Health Biotechnology Facilities – University of Malta. A fee of €60.00 will be charged for each copy of tender document.

This is a Supply Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union under the European Regional Development Fund 2007-2013 – Investing in your future.

(Estimated Budget: €64,430.49 excluding V.A.T.).

CT 391/2009 - Contracts Ref No, CT 2462/2009. Supply, delivery, installation and commissioning of various laboratory equipment and computers to enhance the Health Biotechnology Facilities – University of Malta. A fee of €60.00 will be charged for each copy of tender document.

This is a Supply Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union under the European Regional Development Fund 2007-2013 – Investing in your future.

(Estimated Budget: €100,145.69 excluding V.A.T.).

CT 402/2009 - Contract Ref No, CT 2501/2009. Purchase of a video endoscopic system for Mater Dei Hospital – Health Division. A fee of €50.00 will be charged for each copy of tender document.

CT 404/2009 - Contract Ref No, CT 2464/2009. Purchase of a multifunctional monitor for Mater Dei Hospital – Health Division. A fee of €50.00 will be charged for each copy of tender document.

CT/A/047/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2483/2009. Taħriġ lit-*trainers* li se jipprovdu servizz ta' għixien indipendenti lill-persuni b'diżabilità – Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità. Kopja tad-dokument tal-offerta tista' titniżżel mill-*website* http://www.contracts.gov.mt.

Dan huwa *Service Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Soċjali Ewropew 2007-2013 – Ninvestu fil-futur tiegħek.

(Budget Stmat: €315,993.00 mingħajr V.A.T.).

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fit-12 ta' Ottubru 2009.

CT/A/ 048/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2188/2009. Bini ta' passaġġ għar-roti u l-mixi, li jinkludu xogħlijiet żgħar ta' restawr ta' *footbridge* eżistenti u *shelter room* f'Pembroke – Awtorità Maltija dwar it-Turiżmu. Kopja tad-dokument tal-offerta tista' titniżżel mill-*website* http://www.contracts.gov.mt.

Dan huwa *Works Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali – Ninvestu fil-futur tiegħek.

(Budget Stmat: €600,000.00 mingħajr V.A.T.).

CT 401/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2592/2009. bażi ta' ftehim għall-bini u manutenzjoni ta' toroq u tħaffir ta' gandotti u xogħlijiet ta' *plant laying* għall-estensjoni u tiġdid ta' *cable* tal-elettriku, ilma tax-xorb u *networks* ta' katusi għall-ilma tad-drenaġġ f'diversi lokalitajiet f'Malta u Għawdex – Direttorat tat-Toroq.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, l-1 ta' Diċembru, 2009, għal:

CT 392/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2208/2009. Provvista ta' apparat varju tal-laboratorju għall-*Control Systems Engineering Laboratory* – l-Università ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' €60.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Dan huwa *Supply Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali 2007-2013 – Ninvestu fil-futur tiegħek.

(Budget Stmat: €145,570.34 mingħajr V.A.T.).

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fl-1 ta' Ottubru 2009.

CT 393/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2369/2009. Konsulenza għar-*Research* fl-edukazzjoni tal-wirt fl-Istitut tal-Konservazzjoni u Maniġġjar tal-Wirt Kulturali Malti – Heritage Malta. Irid jitħallas dritt ta' €60.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Intimati: 3, Triq Mons. F.X. Zahra, Balzan.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 10 ta' Novembru 2009.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

proceed against you according to law, without any other prior notice, to repair the damage made as well as the damages caused to him.

So much so that you may know how to regulate yourselves and to avoid further expenses and unecessary trouble.

With costs.

Interpellant: Rami Hamed: Brian, Triq Sant'Aristarku, St. Paul's Bay.

Respondents: 3, Triq Mons F. X. Zahra, Balzan.

Registry of the Superior Courts, today 10th November 2009.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1763

B'digriet mogħti fit-30 ta'Ottubru 2009, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 35/08 fl-ismijiet Eugenio Lanzon vs Ritienne Esposito, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Ritienne Esposito, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti Ċivili Sezzjoni tal-Familja.

Eugenio Lanzon KI 553888M
Flat 1 Binja Vista
Triq G Dimech Debono,
Birkirkara

vs

Ritienne Esposito
12, Triq Annibale Preca
Ħal Lija.

Bil-preżenti Eugenio Lanzon jinfurmak illi għall-kull fini u effetti tal-liġi illi hu għaraf lil bintkom minuri ..omissis.. li twieldet barra miż-żwieġ nhar il-Ħadd 23 ta' Settembru 2007 (Ċertifikat anness u mmarkat Dok ELI) bħala bintu naturali u bi ħsiebu japplika għar-reġistrazzjoni ta' dan it-tagħrif.

Għaldaqstant int qed tiġi interpellata sa mhux iktar tard minn xahrejn mid-data tan-notifika ta' din l-ittra uffiċjali tintavola nota fl-atti ta' din l-ittra uffiċjali fejn tiddikjara li qed taqbel mar-reġistrazzjoni ta' dan it-tagħrif, u fin-nuqqas li jsir dan minnek, se jinfetħu proċeduri ġudizzjarji sabiex il-mittent jiġi ddikjarat li hu l-missier naturali ta' ..omissis.. u tinżamm unikament responsabbli għall-ispejjeż kbar li dawn jinvolvu.

By means of a decree given on the 30th October 2009, in the records of the judicial letter number 35/08 in the names Eugenio Lanzon vs Ritienne Esposito, the Civil Court (Family Section) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Ritienne Esposito, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Civil Court Family Section.

Eugenio Lanzon ID 553888M
Flat 1 Binja Vista
Triq G Dimech Debono,
Birkirkara.

vs

Ritienne Esposito
12, Triq Annibale Preca,
Ħal Lija

By the present Eugenio Lanzon informs you for all intents and purposes of law that he recognised your minor daughter ..omissis.. who was born outsidfe marriage on Sunday 23rd September 2007 (Certificate attached and marked DOC ELI) as his natural daughter and intends to apply for the registration of this information.

Thus you are called so not later than two months from the date of service of this judicial letter you file a note in the records of this judicial letter whereby you declare that you agree with the registration of this information, and in default of this, judicial proceedings, will be instituted so that the interpellant be declared the natural father of ..omissis.. and be held solely responsible for the huge expenses which these involve.

Din l-ittra uffiċjali qed tiġi intavolata ai termini tal-Artikolu 86 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) illum 9 ta' Novembru 2009.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur,Qrati Ċivili u Tribunali

This judicial letter is being filed in terms of Article 86 of Cap. 16 of the Laws of Malta.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 9th November 2009.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1764

B'digriet mogħti fil-25 ta' Settembru 2009, fl-Atti tar-Rikors Ġuramentat 907/2009 JA, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà intimata Gold Victory Limited, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet (Kreditur) l-Avukat Dott. Louis Bianchi (KI 27347M) Madeleine Aquilina (KI 523150M) u Veronica Rossignaud (ID 271354M) aħwa Bianchi in rappreżentanza tal-eredità ġaċenti ta' Maud Bianchi (KI 361821M) vs (Debitur) Gold Victory Limited (C 34838) fit-22 ta' Settembru 2009, ir-rikorrenti l-Avukat Dott. Louis Bianchi nomine et, talbu lil din l-Onorabbli Qorti tordna il-ħruġ ta' Mandat ta' Qbid kontra l-imsemmi debitur għas-somma/għall-oġġetti hawn isfel imsemmija u għall-ispejjeż ta' din il-proċedura in kawtela tal-kreditu hawn taħt indikat.

Kreditu: Sorte: €17,415.57 (Sbatax-il elf erba' mija u ħmistax-il Ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu)
Imgħax: Riservati.
Spejjeż. Riservati.

Kawżali: Ammont dovut mis-soċjetà intimata għall-kera, danni u spejjeż skont skrittura ta' lokazzjoni tal-5 ta' Marzu 2008, pretensjoni li qed tiġi dedotta b'kawża ppreżentata kontestwalment.

Iffirmat Avukat: Ramon Rossignaud
34/8 Strait Street,
Valletta.

Illum 22 ta' Settembru 2009.

Ikkonfermat quddiemi bil-ġurament wara li qrajtlu l-kontenut u fil-preżenza ta' bħala xhud tal-identità.

Iff. Marbeck Spiteri-Deputat Reġistratur.

Kreditur: Il-Qorti, Valletta.

Debitur: 1. Villa Sol Y Aire, Triq Antonio Schembri, Kappara, San Ġwann.
2. L-Għassa ta' San Ġwann.
3. Kunsill Lokali San Ġwann.

By means of a decree given on the 25th September 2009, in the Records of the Sworn Application, 907/2009 JA, the First Hall Civil Court, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent company Gold Victory Limited, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application filed in the First Hall Civil Court, in the names (Creditor) Advocate Dr. Louis Bianchi (ID 27347M) Madeleine Aquilina (ID 523150M) and Veronica Rossignaud (ID 271354M) brothers and sisters Bianchi in representation of the vacant inheritance of Maud Bianchi (ID 361821M) vs (Debtor) Gold Victory Limited (C 34838) on the 22nd September 2009, the applicant Advocate Dr Louis Bianchi nomine et, asked this Honourable Court, to order the issuing of a Warrant of Seizure against the said debtor for the sum/objects hereunder mentioned and the expenses of this procedure in security of the credit hereunder mentioned.

Credit: Capital: €17,415.57 (Seventeen thousand four hundred fifteen Euro and fifty seven cents)
Interest: Reserved.
Expenses: Reserved.

Reason:Amount due by the respondent company for the rent, damages and expenses according to a lease agreement of the 5th March 2008, claim which is being brought forward by a cause which is being filed at the same time.

Signed Advocate Ramon Rossignaud,
34/8 Strait Street,
Valletta.

Today 22nd September 2009.

Confirmed before under oath after I read its contensts and in the presence of as witness of identity.

Signed Marbeck Spiteri-Deputy Registrar.

Creditor: Courts of Justice, Valletta.

Debtor: 1. Villa Soly Y Aire, Antonio Schembri Street, Kappara, San Ġwann.
2. Police Station San Ġwann.
3. Local Council San Ġwann.

Mandat ta' Qbid.

Repubblika ta' Malta.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda ta' Onor. Imħallef Gino Camilleri, Duttur tal-Liġi.

Illum 22 ta' Settembru 2009.
Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 9 ta' Novembru 2009.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Warrant of Seizure.

Republic of Malta.

Given by the Civil Court First Hall above mentioned with the witness of the Hon. Mr Justice Gino Camilleri, LL.D., Doctor of Laws.

Today 22nd September 2009.
Registry of the Superior Courts, today 9th November 2009.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1765

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fit-22 ta' Settembru 2009, Rikors Numru 629/2009, minn Carmen Pisani mart Mario u Daphne Calgano mart Domenico aħwa Mangion, Ivan Mangion, ġuvni, iben Joseph Mangion u Antonia neè Abdilla, imwieled Pietà u residenti l-Gudja ta' 31 sena detentur tal-karta tal-identità numru 127478(M) ġie inabilitat b'digriet tas-16 ta' Ottubru 2009.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja).

Illum 9 ta' Novembru 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 22nd September 2009, Application number 629/2009 by Carmen Pisani wife of Mario and Daphne Calgano wife of Domenico, sisters Mangion, Ivan Mangion, bachelor, son of the Joseph Mangion and Antonia neè Abdilla, born in Pietà and residing in Gudja having 31 years of age, holding identity card number 127478(M) was incapacitated by means of a decree given on the 16th October 2009.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section).

Today 9th November 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Court and Tribunals

1766

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fid-9 ta' Novembru, 2009 fuq rikors ta' DOTT. RENZO PORSELLA FLORES ET NOE ġie ffissat il-jum tat-Tnejn, 5 ta' April, 2010 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-25 ta' Ottubru, 2006 li għandu jsir f'149 TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA, tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand AZZOPARDI ADRIAN.

Mejda, cupboard, sufan, corner table u ħafna affarijiet oħra simili.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 9 ta' Novembru, 2009.

MICHAEL PORTELLI, BA (HONS.), MA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 9th November, 2009 on the application of DR RENZO PORSELLA FLORES ET NOE, Monday, 5th April, 2010 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 25th October, 2006 to be held at 149 STRAIT STREET, VALLETTA of the following items seized from the property of AZZOPARDI ADRIAN.

Table, cupboard, settee, corner table and other similar items

Registry of the Superior Courts, this Monday, 9th November, 2009.

MICHAEL PORTELLI, BA (HONS.), MA
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

1767

AVVIŻ
MIR-REĠISTRU
QORTI ĊIVILI (SEZZJONI FAMILJA)

Billi r-rikorrenti Sarah Ann Darmenia (K.I. Nru. 313284M) ippreżentat rikors ġuramentat (Nru. 318/09 AF) fejn talbet il-KORREZZJONI TAL-ATT TAT-TWELID tal-minuri Ella Darmenia li jġib in-numru 5298/2004 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,
Illum 9 ta' Novembru 2009.

GRAZIELLA ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

NOTICE
REGISTRY OF THE
CIVIL COURT (FAMILY SECTION)

Whereas the plaintiff Sarah Ann Darmenia (ID No. 313284M) filed an application under oath (No. 318/09 AF) demanding CORRECTIONS in the ACT OF BIRTH of the minor child Ella Darmenia number 5298/2004 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,
This 9th of November 2009.

GRAZIELLA ATTARD
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

1768

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fit-23 ta' Ottubru 2009, Rikors Numru 715/2009, minn Charles Zammit Haber, Bianca Zammit Haber u Michelle Zammit Haber fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur tagħhom fi kwoti ndaqs bejniethom is-suċċessjoni ta' Yvette Zammit Haber, xebba, bint l-istess Charles Zammit Haber u Bianca Zammit Haber neè De Giovanni, imwielda Pietà u kienet toqgħod Santa Lucia u mietet Tal-Qroqq limiti tal-Imsida fil-5 ta' Settembru 2009 ta' 33 sena u kellha karta tal-identità numru 0437175(M) u li miet bla testment.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur tal-Artikolu 537 (1) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja.

Illum 9 ta' Novembru 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 23rd October 2009, Application number 715/2009 by Charles Zammit Haber, Bianca Zammit Haber and Michelle Zammit Haber, whereby they prayed that it be declared open in their favour equal shares between them between them, the succession of Yvette Zammit Haber, unmarried, daughter of the same Charles Zammit Haber and Bianca Zammit Haber neè De Giovanni, born in Pietà, resided in Santa Lucia and died in Tal-Qroqq limits of Imsida on the 5th September 2009, intestate, aged 33 holding identity card number 0437175(M).

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

Registry of the Civil Court Voluntary Jurisdiction Section.

Today 9th November 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Court and Tribunals

1769

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fit-22 ta' Ottubru 2009, Rikors Numru 714/2009, minn Brian Grima fejn talab li tiġi ddikjarata miftuħa tiegħu fl-intier kollu tagħha s-suċċessjoni ta' ħuh Carmel sive Carlo Grima, ġuvni, iben il-mejtin Mariano u Maryrose neè Cardona, imwieled il-Gżira, kien joqgħod fiċ-Ċentru tal-Anzjani l-Mosta fejn miet fid-9 ta' Awwissu 2009 ta' 61 sena u kellha karta tal-identità numru 0637748(M) u li miet bla testment.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur tal-Artikolu 537 (1) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja.

Illum 9 ta' Novembru 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in Civili Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 22nd October 2009, Application number 714/2009 by Brian Grima, whereby he prayed that it be declared open in his favour in its entirety the succession of his brother Carmel sive Carlo Grima, bachelor, son of the late Mariano and Maryrose neè Cardona, born in Gzira and resided at the Centru tal-Anzjani Mosta where he died on the 9th August 2009, intestate, aged 61 holding identity card number 0637748(M).

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

Registry of the Civil Court Voluntary Jurisdiction Section.

Today 9th November 2009

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Court and Tribunals

1770

Permezz ta' digriet mogħti fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-18 ta' Awwissu 2009, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3695/09, fl-ismijiet Bank of Valletta plc vs Maurice Abela, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Maurice Abela (KI 355939M) ta' 1, Casa Faro, Triq is-Simar, San Pawl il-Baħar, fil-15 ta' Lulju 2009, Bank of Valletta plc. ta' 1/5, Misraħ San Ġorġ, Valletta, VLT 1190, filwaqt illi tirreferik għall-iskrittura privata datata 3 ta' Ġunju 1996 fejn int iggarantejt flimkien u "in solidum" ma' Piccolo Company Limited a favur tal-Bank of Valletta plc id-debiti tal-istess Piccolo Company Limited mal-Bank of Valletta plc., tinterpellak sabiex fi żmien jumejn tħallas is-somma ta' €6,158.67 bilanċ għad-debitu fil-Overdraft Account ta' Piccolo Company Limited mal-Bank of Valletta plc flimkien mal-imgħax ulterjuri mid-19 ta' Mejju 2009 sad-data tal-effettiv pagament.

Is-soċjetà mittenti tavżak illi jekk tonqos hija se tkun kostretta tipproċedi kontra tiegħek skont il-liġi.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 9 ta' Novembru 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 18th August 2009 in the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 3695/09 in the names Bank of Valletta plc vs Maurice Abela, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Maurice Abela (ID 355939M) of 1, Casa Faro, Triq is-Simar, San Pawl il-Baħar, on the 15th July 2009, Bank of Valletta plc of 1/5, Misraħ San Ġorġ, Valletta, VLT 1190, whilst refering to the private writing dated 3rd June 1996 where you garanted together and "in solidum" with Piccolo Company Limited in favour of Bank of Valletta plc the debt of the same Piccolo Company Limited with Bank of Valletta plc, calls upon you so that within two days you pay the sum of €6,158.67 balance of debt in the Overdraft Account of Piccolo Company Limited with Bank of Valletta plc together with further interests from the 19th May 2009 till the date of effective payment.

The interpellant company warns you that if you fail they shall be constrained to proceed against you according to law.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 9th November 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1771

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-5 ta' Novembru 2009, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

By a decree of the Small Claims Tribunal of 5th November 2009, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Go plc (C22334) ta' Spencer Hill, il-Marsa, ippreżentaw Talba, fit-13 ta' Ottubru 2009, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Mario Cini (KI 456366M) ta' 19, Triq San Pawl, Bormla, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €309.49 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Go p.l.c. (C22334) of Spencer Hill Marsa, filed a Claim on the 13th October 2009 whereby they asked the Tribunal to condemn Mario Cini (ID 456366M) of 19, Triq San Pawl, Bormla, to pay the plaintiff company the sum of €309.49 which amount is due to the plaintiff company.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

With costs and interests.

Il-kawża (Talba Numru 859/09GM) hija differita għas-16 ta' Novembru 2009 fin-12.45 p.m.

The case (Claim Number 859/09GM) is put off on the 16th November 2009 at 12.45 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 10 ta' Novembru 2009.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 10th November 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1772

Illi permezz ta' digriet tat-Tribunal tat-Talbiet Żgħar mogħti fl-14 ta' Mejju 2009 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 14th May 2009, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Permezz ta' Avviż ta' kawża maħruġ mir-Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) il-kawża Avviż Numru 854/07MK fl-ismijiet Mobisle Communications Limited vs John Debono, li kienet ġiet mibgħuta Sine Die fit-13 ta' Ġunju 2008 ġiet imqiegħda għas-smigħ għall-25 ta' Novembru 2009 fis-1.00 p.m. quddiem il-Ġudikatur Dott. Maria Karlsson.

By means of a Notice of a cause which was set down again for hearing issued by the Registry of the Courts of Magistrates (Malta) the cause Notice Number 854/07MK, in the names Mobisle Communications Limited vs John Debono which has been Sine Die since 13th June 2008 was set down again for hearing on 25th November 2009 at 1.00 p.m. before the Adjudicator Dr Maria Karlsson.

Notifika: John Debono – 65, Our Lady, Triq Tumas Fenech, Birkirkara.

For the purpose of service John Debono – 65, Our Lady, Triq Tumas Fenech, Birkirkara.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 10 ta' Novembru 2009.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 10th November 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunalsß

1773

AVVIŻ
MIR-REĠISTRU
QORTI ĊIVILI (SEZZJONI FAMILJA)

Billi r-rikorrent Giuseppe Calì (K.I. Nru. 226897M) ippreżenta rikors ġuramentat (Nru. 302/09 AF) fejn talab il-KORREZZJONI TAL-ATT TAT-TWELID tal-minuri Alessandro Infurna li jġib in-numru 303/1998 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,
Illum 9 ta' Novembru 2009

GRAZIELLA ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

NOTICE
REGISTRY OF THE
CIVIL COURT (FAMILY SECTION)

Whereas the plaintiff Giuseppe Calì (ID No. 226897M) filed an application under oath (No. 302/09 AF) demanding CORRECTIONS in the ACT OF BIRTH of the minor child Alessandro Infurna number 303/1998 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,
This 9th of November 2009

GRAZIELLA ATTARD
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

1774

B'digriet mogħti fit-30 ta' Lulju 2009, fl-atti tal-ittra uffiċjali bin-numru 2169/2009, fl-ismijiet il-Kummissarju tal-Artijiet vs Amelia Theresa Whitelaw, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 5 ta' Ġunju 2009.
Lil: Amelia Theresa Whitelaw (KI 1693010L)
19, Old Prison Street,
Vittoriosa.

Permezz tal-preżenti il-Kummissarju tal-Artijiet, jirreferi għall-kuntratt ta' kirja li int kont dħalt fih mad-Direttur tal-Akkomodazzjoni Soċjali, fuq il-proprjetà tal-Gvern bin-numru 19, Old Prison Street, Vittoriosa u jinterpellak sabiex tirrintegra l-pajpijiet tal-ilma fuq il-bejt tal-fond mikri lilek fis-sitwazzjoni li kienu fih qabel ix-xogħlijiet li saru minnek

By means of a decree of the 30th July 2009, in the records of the judicial letter with number 2169/2009, in the names the Commissioner of Lands vs Amelia Theresa Whitelaw, the First Hall Civil Court, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall Civil Court

Today 5th June 2009.

To: Amelia Theresa Whitelaw (ID 1693010L)
19, Old Prison Street,
Vittoriosa.

By the present the Commissioner of Lands ,refers to the contract of lease in which you had entered with the Director of Social Housing regarding the Government property with number 19, Old Prison Street, Vittoriosa and calls upon you to reintegrate the water pipes on the roof of the premises leased to you in the position they were before the works

dan l-aħħar fi żmien ħamest (5) ijiem mid-data ta' din l-ittra, minħabba li l-pajpijiet tal-ilma mwaħħlin minnek tpoġġew b'mod li l-ilma tax-xita qiegħed jikkawża ħsara lis-saqaf ta' fond adjaċenti ma' tiegħek, u qiegħed jikkawża danni u ħsara imminenti lil terzi persuni.

L-interpellant iwissik illi jekk inti tonqos milli tikkonforma ma' din l-ordni, il-bieb tal-fond tiegħek se jiġi sgassat mill-uffiċjali tat-Taqsima Proprjetà tal-Gvern, fil-preżenza ta' uffiċjali tal-Pulizija, sabiex ix-xogħlijiet li hemm bżonn ikunu jistgħu jsiru u dan a spejjeż tiegħek.

Barra minn hekk, l-interpellant qiegħed iwissik illi inti se tinżamm responsabbili għad-danni kkawżati mill-azzjoni tiegħek u jirriserva d-dritt li jipproċedi kontrik skont il-liġi.

Bl-ispejjeż.

Notifika: Ms Amelia Whitelaw, 19, Old Prison Street, Vittoriosa.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 9 ta' Novembru 2009.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

carried out by you these last five days (5) from the date of this letter, because the water pipes fixed by you were put in such a manner that the rain water is causing damage to the roof of a premises adjacent to yours, and is causing damages and imminent damage to third parties.

The interpellant warns you that if you fail to conform with this order, the door of your premises shall be forced open by officials of the Government Propery Division ,in the presence of Police Officials, so that the necessary works may be carried out and this at your expense.

Apart from this , the interpellant warns you that you shall be held responsible for the damages caused by your action and reserves the right to proceed against you according to law.

With costs.

Notify: MS Amelia Whitelaw, 19, Old Prison Street, Vittoriosa.

Registry of the Superior Courts, today 9th November 2009.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1775

B'digriet mogħti, fil-11 ta' Settembru 2009, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) fir-rikors numru 598/09 ppreżentat fid-9 ta' Settembru 2009 minn Reverendu Victor Enriquez, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti, li huwa jiġi nominat bħala kuratur tal-assenti Giuseppe Maria Enriquez, iben Ugo Enriquez u Adelina neè Micallef sabiex jamministra l-beni tiegħu u sabiex jieħu dawk il-provvedimenti kollha meħtieġa sabiex tiġi mħarsa l-proprjetà tiegħu, din il-Qorti ordnat il-ħruġ ta' dan l-Avviż, a tenur tal-Artikolu 205 tal-Kap. 16.

Kull min għandu aħbarijiet tal-imsemmi Giuseppe Maria Enriquez, huwa mitlub li jagħtihom lir-Reġistratur tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) sabiex din il-Qorti tkun taf bihom fi żmien xahar li jibda jgħodd minn dik il-ġurnata li joħroġ dan l-editt, fil-Gazzetta tal-Gvern.

B'ordni tal-Qorti fuq imsemmija.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja).

Illum 9 ta' Novembru 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By deree given on the 11th September 2009, by the Civil Court (Volontary Jurisdiction Section) in the application number 598/09 presented on the 9th September 2009 by Father Victor Enriquez wheras he prayed this Honorable Court, that he will be nominated curator of the absent Giuseppe Maria Enriquez, son of Ugo Enriquez and Adelian neè Micallef, born in Valletta, to administer the assets and to take all the necessary orders to safeguard all his property, this Court ordered the issuing of this Notice, in terms of Article 205, of Cap. 16.

Whosoever has any news of the existence of the said Giuseppe Maria Enriquez, is required to communicate it to the Registrar Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) for the information of the said Court, within one month from the day of the publication of this Edict in the Government Gazette.

By, order of the Court above mentioned.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section).

Today 9th Novembru 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Court and Tribunals

1776

Ikun jaf kulħadd, illi b'digriet tad-9 ta' Novembru, 2009 mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, dina l-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skont l-Artikolu 187 (3) tal-Kodiċi ta' Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

Avviż

Fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili
Fl-Atti tas-Subbasta numru 43/2008
Fl-ismijiet:

John Gatt et

vs

Jimmy Vella Ltd.

Onor. Imħallef Dott. Gino Camilleri, LL.D.

Il-Qorti,

Wara li rat il-liberazzjoni tat-Tlieta, 9 ta' Ġunju, 2009 bil-prezz ta' €10,000 favur Emanuel Buttigieg (KI 21463M) rigward il-propjetà hawn taħt imsemmija u li kienet tappartjeni lil Jimmy Vella Limited et imsemmija fl-istess atti u ċioè:

Il-fond numru sittax (16), Sqaq il-Ħarrub, Wied il-Għajn, stmat li jiswa €76,000.

Billi fiż-żmien stabbilit mil-liġi PL Emanuel Bianco (KI 50167M) kiser il-kwindena u offra €10,500 għal proprjetà hawn fuq imsemmija.

Tiddekreta u tagħżel għall-Bejgħ bl-Irkant Finali u l-Aħħar Liberazzjoni tal-proprjetà hawn fuq imsemmi l-jum tal-Ħamis, 19 ta' Novembru, 2009 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar fil-kuridur ta' dawn il-Qrati.

Tordna li b'dan id-digriet jiġu notifikati l-kreditur eżekutanti, id-debitu eżekutanti, il-liberatarju u dawk li offrew l-aħħar.

Illum, 9 ta' Novembru 2009.

SAVIOUR AQUILINA, B.A. (HONS.), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree given on the 9th November 2009 by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

Notice

In the First Hall of the Civil Court
In the Records of Judicial Sale by Auction number 43/2008 in the names:

John Gatt et

vs

Jimmy Vella Ltd.

Honourable Mr Justice Dr Gino Camilleri, LL.D.

The Court,

Following the adjudication of Tuesday, 9th June 2009, for the price of €10,000 in favour of Emanuel Buttigieg (ID 21463M) for the hereunder mentioned tenement belonging to Jimmy Vella Limited et mentioned in the same Judicial Acts namely:

Tenement number sixteen (16), Carob Alley, Marsaskala, valued at €76,000.

Whereas PL Emanuel Bianco (ID 50167M) interrupted the fifteen day statutory time limit by entering a bid of €10,500 for the property number mentioned above.

The Court therefore decrees and appoints Thursday 19th November 2009 from 9.00 a.m. to twelve noon, for the final Sale by Auction and Adjudication of the afore-mentioned property, which Sale is to be held in the Corridor of these Courts.

The Court hereby orders that a copy of this decree be served on the execution creditor, the execution debtor, the purchaser and the last bidder.

Today the 9th November, 2009

SAVIOUR AQUILINA, B.A. (HONS.), M.A.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1777

Illi permezz ta' digriet tat-Tribunal tat-Talbiet Żgħar mogħti fil-15 ta' Mejju 2009 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 15th May 2009, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Permezz ta' Avviż ta' kawża maħruġ mir-Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) il-kawża Avviż Numru 497/08MK fl-ismijiet Mobisle Communications Limited vs Alexander Aloisio, li kienet ġiet mibgħuta Sine Die fit-30 ta' Jannar 2009 ġiet imqiegħda għas-smigħ għas-16 ta' Novembru 2009 fis-1.00 p.m. quddiem il-Ġudikatur Dott. Maria Karlsson.

By means of a Notice of a cause which was set down again for hearing issued by the Registry of the Courts of Magistrates (Malta) the cause Notice Number 497/08MK, in the names Mobisle Communications Limited vs Alexander Aloisio which has been Sine Die since 30th January 2009 was set down again for hearing on 16th November 2009 at 1.00 p.m. before the Adjudicator Dr Maria Karlsson.

Notifika: Alexander Aloisio – 28, Triq Għar id-Dud, Sliema.

For the purpose of service Alexander Aloisio – 28, Triq Għar id-Dud, Sliema.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 10 ta' Novembru 2009.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 10th November 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1778

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-14 ta' Mejju 2009, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap .12).

By a decree of the Small Claims Tribunal of 14th May 2009, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) ta' Fra Diego Street, il-Marsa, ippreżentaw Talba fl-20 ta' Settembru 2007, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Angel Xuereb ta' Angel House, Triq il-Fuħħarin, Birkirkara, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €611.11 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Mobisle Communications Limited (C24655) of Fra Diego Street, Marsa, filed a Claim on the 20th September 2009 whereby they asked the Tribunal to condemn Angel Xuereb of Angel House, Triq il-Fuħħarin, Birkirkara, to pay the plaintiff company the sum of €611.11 which amount is due to the plaintiff company.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

With costs and interests.

Il-kawża (Talba Numru 702/07MK) hija differita għall-25 ta' Novembru 2009 fis-1.00 p.m.

The case (Claim Number 702/07MK) is put off on the 25th November 2009 at 1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 10 ta' Novembru 2009.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 10th November 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1779

B'digriet mogħti, fil-25 ta' Awwissu 2009, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet Schembri Joseph et vs Attard Saviour et, rikors numru 1181/2008 AL, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Avviż għas-smigħ ta' kawża maħruġ mir-Reġistru tal-Qrati Superjuri, it-Tnejn 1 ta' Diċembru 2008, il-kawża Schembri Joseph et vs Attard Saviour et, ġiet appuntata għas-smigħ għat-Tlieta 27 ta' Jannar 2009, fid-9.00 a.m.u differit għat-18 ta' Novembru 2009, fil-11.00 a.m.

Notifika: Saviour Attard u Bridget Attard,
Nicky Lunde,
St. Leonard Str,
Żabbar.

jew

Saviour Attard u Bridget Attard,
37, Triq il-Kapuċċini,
Żabbar.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 10 ta'Novembru 2009.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given on the 25th August 2009, in the records of the Sworn Application, in the names Schembri Joseph et vs Attard Saviour, application number 1181/2008 AL, the First Hall Civil Court, ordered the folowing publication for the purpose of service of the respondents, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a Notice of hearing of a cause issued by the Registry Superior Courts, on Monday 1st December 2008, the cause Schembri Joseph et vs Attard Saviour et, was appointed for hearing on Tuesday 27th January 2009, at 9.00 a.m., and put off to the 18th November 2009, at 11.00 a.m.

Notify: Saviour Attard and Bridget Attard,
Nicky Lunde,
St. Leonard Str,
Żabbar.

or

Saviour Attard and Bridget Attard,
37, Triq il-Kapuċċini,
Żabbar.

Registry of the Superior Courts, today 10th November 2009.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1780

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-5 ta' Novembru 2009, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Go plc (C22334) ta' Spencer Hill, il-Marsa, ippreżentaw Talba, fit-13 ta' Ottubru 2009, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Mario Cini (KI 456366M) ta' 19, Triq San Pawl, Bormla, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €309.49 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Talba Numru 859/09GM) hija differita għas-16 ta' Novembru 2009 fin-12.45 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 10 ta' Novembru 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of 5th November 2009, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Go p.l.c. (C22334) of Spencer Hill Marsa, filed a Claim on the 13th October 2009 whereby they asked the Tribunal to condemn Mario Cini (ID 456366M) of 19, Triq San Pawl, Bormla, to pay the plaintiff company the sum of €309.49 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 859/09GM) is put off on the 16th November 2009 at 12.45 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 10th November 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1781

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fid-9 ta' Novembru, 2009 fuq rikors ta' Lombard Bank Malta PLC ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 17 ta' Diċembru, 2009 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-2 ta' Marzu, 2007 li għandu jsir fl-ewwel sular ta' dawn il-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta tal-fondi hawn taħt deskritt.

Il-fond kummerċjali bl-isem 'Allegro Andante Restaurant' 130, Triq Spinola, San Ġiljan, artikolat f'erba' livelli, li l-ogħla minnhom huwa fil-livell ta' Triq Spinola u l-iktar wieħed fil-baxx huwa fil-livell ta' Xatt il-Baħar tal-Bajja ta' Spinola, liberu u frank, formanti parti minn korp ta' bini akbar, stmat li jiswa €1,944,269.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Allegro Andante Limited.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Renato La Ferla fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fl-20 ta' Settembru, 2007.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 9 ta' Novembru, 2009.

SAVIOUR AQUILINA, B.A. (HONS.), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 9th November, 2009 on the application of Lombard Bank Malta PLC, Thursday 17th December, 2009 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 2nd March, 2007 to be held in the in the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property.

The commercial tenement named 'Allegro Andante Restaurant, 130, Spinola Road, St Julian's, articulated on four levels, the highest leveled with Spinola Road and the lowest leveled with the seafront of Spinola Bay, free and unencumbered, forming part of a larger building complex, valued at €1,944,269.

The said tenement is the property of Allegro Andante Limited.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Renato La Ferla on 20th September, 2007.

Registry of the Superior Courts, this 9th November, 2009.

SAVIOUR AQUILINA, B.A. (HONS.), M.A.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1782

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-22 ta' Ottubru 2009, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Go p.l.c. (C22334) ta' Telgħet Spencer, Marsa, MRS 1950, ippreżentaw Talba fit-13 ta' Awwissu 2009, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Tony Mark Cutajar (KI 300183M) ta' Excels Flat 1, Triq l-Imrabat, San Ġiljan sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €345.31 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Talba Numru 646/09ISB) hija differita għall-4 ta' Diċembru 2009 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 10 ta' Novembru 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of 22nd October 2009, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Go p.l.c. (C22334) of Spencer Hill, Marsa, MRS1950, filed a Claim on the 13th August 2009 whereby they asked the Tribunal to condemn Tony Mark Cutajar (ID 300183M) of Excels, Flat 1, Triq l-Imrabat, San Ġiljan, to pay the plaintiff company the sum of €345.31 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 646/09ISB) is put off on the 4th December 2009 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 10th November 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1783

B'digriet mogħti fis-7 ta' Settembru 2009, fl-atti tal-ittra uffiċjali 498/09, fl-ismijiet Michael Attard Limited vs Omar Caruana, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 2 ta' Frar 2009

Lil Omar Caruana,
Maruska,
Triq l-Istamnar,
San Pawl il-Baħar.

Bil-preżenti s-soċjetà Michael Attard Ltd (C 32362) ta' Attard Building, National Road, Blata l-Bajda, qed tinterpellak sabiex fi żmien jumejn mid-data tan-notifika ta' dan l-att inti tħallas is-somma ta' tletin elf mija u sitta u ħamsin ewro u sittin ċenteżmu (€30,156.60) rappreżentanti import ta' ħmistax (15) il-kambjala ffirmata minnek, liema kambjali skadew fis-7 ta' Jannar 2004 ...omissis... iżda baqgħu ma tħallsux lis-soċjetà mittenti.

Permezz tal-preżenti s-soċjetà mittenti qiegħda trendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv tagħha hawn indikat u dan ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi inti qed tiġi informat illi a tenur tal-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta għandek id-dritt li topponi għall-eżekuzzjoni ta' dina l-kambjala billi tippreżenta r-rikors opportun skont il-Liġi, fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika ta' dan l-Att.

Fin-nuqqas li taderixxi ma' din l-intimazzjoni s-soċjetà mittenti se tgħaddi għall-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv tagħha u dan ai termini tal-Artikolu 256(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din l-ittra uffiċjali hija rikjesta ai termini tal-Artikolu 256(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax, mid-data tal-iskadenza tal-kambjali sad-data tal-pagament effettiv.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 10 ta' Novembru 2009.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given on the 7th September 2009, in the records of the judicial letter 498/09, in the names Michael Attard Limited vs Omar Caruana, the First Hall Civil Court, ordered the following publication for the of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall Civil Court

Today 2nd February 2009

To Omar Caruana,
Maruska,
Triq l-Istamnar,
San Pawl il-Baħar.

By the present the company Michael Attard Ltd (C 32362) of Attard Building, National Road, Blata l-Bajda, is calling upon you so that within two days from the date of service of this act you pay the sum of thirty thousand one hundred fifty-six ewros and sixty cents (€30,156.60) representing value of fifteen (15) bills of exchange signed by you, which bills of exchange lapsed on the 7th January 2004 …omissis... but were not paid to the interpellant company.

By the present the interpellant company is rendering executable its executive title hereunder indicated and this in terms of Article 253(e) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

For all intents and purposes of law you are being informed that in terms of Article 253(e) of Cap. 12 of the Laws of Malta you have the right to oppose the execution of this bill of exchange by filing the opportune application according to Law within twenty days (20) from the ser vice of this Act.

If you fail to abide by this calling the interpellant company shall pass on to the execution of its executive title and this in terms of Article 256(2) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

This judicial letter is required in terms of Article 256(2) of Chapter 12 of the Laws of Malta.

With interests and with costs from the date of maturity of the bills of exchange till the date of effective payment.

Registry of the Superior Courts, today 10th November 2009.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1784

Illi permezz ta' digriet tat-Tribunal tat-Talbiet Żgħar mogħti fil-20 ta' Ottubru 2009 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 20th October 2009, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12).

Permezz ta' rikors maħruġ mir-Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) wara l-Mandat ta' Qbid numru 1135/07 maħruġ fis-26 ta' April 2007 fl-ismijiet Vodafone Malta Limited (C-10865) vs Awad Khaled (KI 26463A). Ir-rikorrenti Vodafone Malta Limited tablet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna l-ħruġ tal-opportun kontromandat għar-raġuni infraskritta, sabiex tirregola ruħha.

By means of an application issued by the Registry of the Courts of Magistrates (Malta) after the warrant of Seizure Number 1135/07 issued on the 26th April 2009 in the names Vodafone Malta Limited (C-10865) vs Awad Khaled (ID 26463A). The interpellant asked this Honorable Court to issue the opportune counter warrant for under mentioned reason, to regulate itself.

Il-kontromandat iġib in-numru 2846/09CP u ġie ppreżentat minn Dott. Nadia Vella fit-22 ta' Settembru 2009 bla dokumenti.

This counterwarrant number 2846/09CP was presented by Dr Nadia Vella on the 22nd September 2009 without documents.

Notifika: Awad Khaled – Exodus Flat 1, Triq it-Turisti, Qawra.
Mark Attard – 4, Carmel Street, Luqa.

For the purpose of service Awad Khaled – Exodus Flat 1, Triq it-Turisti, Qawra.
Mark Attard – 4, Carmel Street, Luqa.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 10 ta' Novembru 2009.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 10th November 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1785

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-18 ta' Settembru 2009, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

By a decree of the Small Claims Tribunal of 18th September 2009, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12).

